IX-XIĦA
kummidja anarkika

Kitba ta' Mario Philip Azzopardi

STAĠUN TEATRU MALTI

IX-XIĦA

L-EWWEL ATT
LEĦEN

XENA 1

Qabel ma nibdew, kunu afu li kull ma se taraw huwa mistħajjel u m'hemm l-ebda referenza dwar fatti li ġraw jew dwar persuni mejta jew li għadhom iferfru. Ħaġ'oħra.
Father Christmas jeżisti ta'bilħaqq u in-nazzjonalisti se jirbħu l-elezzjoni li ġejja.

IS-SALOTT FIL-PALAZZO MANGION DUCA. Arredament klassiku, fin u sinjur. Ta min jinnota li hemm skrivanija fina, b'ftit kxaxen, ma wieħed mill-ħitan.

Tebut fuq 'trolley' bir-roti apposta f'nofs il-palk. Fjuri madwar it-tebut.

Tidħol MARISA (65 sena) iġġorr bukkett fjuri. Tqiegħdhom ħdejn l-oħrajn. Tpoġġi fuq siġġu, tistenna.

Tidħol GIOVANNA, iġġorr ktieb f'idha (Id-djarju tagħha) Tħares lejn it-tebut, lejn Marisa, u iddur lejn l- udjenza. (Tista' tgħid li kull ma tlissen Giovanna, dejjem tgħidu lejn l-udjenza)
GIOVANNA
Mitt jumejn ilu. Dan hu l-funeral tiegħi. Dik hemm Marisa. Marisa Galea. Minn Ħal-Tarxien. Ilha miegħi il fuq minn erbgħin sena. Toħodli ħsieb id-dar qisha kienet tagħha stess. Issajjar daqs l-aqwa kok. Rabbiet lil-uliedi. Tista' tgħid li hi tafhom aktar minni.
Forsi wkoll aktar minn dak l-uniku iben li għandha. Joey. Iva, semmietu Joey. Għal missierha Joey, li kien imsemmi hekk għal missieru, Joey. Il-buż nannu kien jismu...Ġużeppi, għal missieru li kien jismu Ġużeppi... Imma fuq Joey se jkollna ħafna aktar xi ngħidu aktar tard, fit-tieni att.
(nifs)
Marisa għexet magħna.
Kellha kamritha u qatt ma garret minn xejn. Kienet titħallas tajjeb ta xogħolha, ħafna tajjeb. Kellha il-weekends off, u ngħidhielkom kif inhi, kien jaqbadni estru hekk kif titlaq il-ġimgħa filgħaxija, u mhux l-ewwel darba li tlabtha bil- ħniena biex tibqa magħna mqar is- sibt. Paga doppja naturalment. Ma nafx x'kont nagħmel mingħajrha.
Qdietni tajjeb. Ħadmet bla serħan għalija... għalija, mhux għalihom, u ta' dan se nibqa' nafulha, kif se taraw. Iva, Marisa dejjem kienet hemm meta kelli bżonnha.
Però, ħaġa waħda ma fhimtx. Kif irnexxilha tissaportina dawk is- snin kollha! Imma mbagħad min kien se jħallasha kif kont inħallasha jien? Hemm ħafna aktar x'jista' jingħad dwarha, imma issa mhux il- waqt. Ħaslitni u keffnitni. L- aħħar biċċa xogħol li kellha tagħmilli. Imma

għandi sorpriża ta. Sorpriża kbira wkoll. Le, le. M'intomx se taqtgħu x'inhi. Dak li qed taħsbu, sempliċi wisq. U jiena, is-sempliċi nistmerru.

Tidħol JENNY (45). Tmur tpoġġi fuq siġġu ieħor in-naħa l- oħra tat-tebut. Għandha 'handbag' jiswa l-flus f'idha.
Ma tagħtix kas Marisa.
Din Jenny, It-tifla iż-żgħira tiegħi. Dan l-aħħar ftit xhur reġgħet bdiet tiġi iżżurni. Wara aktar minn għaxar snin ma nitkellmux. Kull darba li ġiet għandi, hekk kif tpoġġi f'tarf siġġu kienet tkun fuq ix-xwiek tgħodd il-minuti biex terġa titlaq minn fejn ġiet. U wara forsi għaxar minuti, fejn ma kienitx tlissen aktar minn żewġ kelmiet, arha tlebbet il-barra. Kont kważi kważi nismagħha tieħu nifs qawwi hekk kif tirfes l-għatba ta barra. Naħseb li kien id-dott Azzopardi li ċemplillhom u qalilhom li kien wasal iż-żmien. Imma hi biss ġiet. Waslet tard. Kont ġa tlaqt meta daħlet il-Palazzo,... bil-lajma kollha, mingħajr l-ebda għaġġla ta'xejn.

XENA 2

Kif daħlet, Marisa ġriet lejha tibki bħal tarbija u qaltilha li kont ġa parpart l'hemm. L-għażiża Jenny, iż-żgħira tiegħi dlonk dawret denbha u bl-akbar kalma, telqet lura minn fejn ġiet. Hekk. Ċumm Paqq pumm!... It-tlieta l- oħra ma ġewx. Lill-dawk ili aktar minn għaxar snin ma narahom. Le ta. Il-fuq minn... ħmistax il- sena. Aktar. Issa dalwaqt tiltaqgħu magħhom.

MARISA
(lil Jenny)
Ħutek ġejjin?

JENNY
Ma naħsibx.
MARISA
Mhux sew. Ħabbartu?
JENNY
Min kien se jiġi?
MARISA
Mhux sew.
JENNY
(toħroġ il mobile. Iċċempel)
X'tistenna!
MARISA
Xorta. Mhux sewwa.
JENNY
(titkellem fuq il- mowbajl)
Hi! Iva. Hawn qiegħda. Le. Le. Le. Le. Ħames minuti oħra. Irrid niffirma xi karti. Le m'inix sejra. Inti għax ma tmurx int?!
Wara kollox hi mhux hekk kienet tagħmel? Qatt ma marret. Lanqas meta difnu lil papa. Iva. Iva. Iva. Iva. Hawn Marisa. Ħa insaqsiha.
(lil Marisa)
Int se tmur iċ-ċimiterju?

MARISA
Inti mintix sejra?
JENNY
(lura fuq il-mowbajl)
Se tmur. Le. Iva. Le. Iva. M'inix se ndum. Għandi general meeting l- uffiċju. Ċjaw.
(titfi il-mobile, tkompli tara għandhiex imejl)
MARISA
Mhux sew.
SILENZJU TWIL. Jidħol ERIC FORMOSA, liebes pulit. Iġorr xi karti, fuq pad. Jippreżentahom lil Marisa waqt li joffrilha pinna

FORMOSA
Mrs. Gouder? Jekk jogħġbok.
JENNY
(waqt li tiffirma)
Kollox f'idejkom mela.
FORMOSA
Taħseb f'xejn aktar.
JENNY
Ok mela. Grazzi.
(timxi biex toħroġ)
FORMOSA
Tixtieq taraha Mrs Gouder? Biex tkun ċerta li xogħolna għamilnih kif tixtiequ intom, il-familja, forsi?

JENNY
M'għandix dubju. Grazzi.
(tkompli timxi l- barra)

Kif tixtieq. Jenny.

FORMOSA MARISA
JENNY

(iddur lejha. Urtata)
Għidli Marisa

MARISA
Aħjar taraha.
MARISA
Aħjar? Aħjar għal-min?
MARISA
Għalik Sinjura Jenny. Ta'l-aħħar.
JENNY
M'għandix għalfejn.
(tkompli miexja)

MARISA
Se jiddispjaċik.
JENNY
(terġa ddur lejn Marisa, tħares lejha, taħseb)
Jiddispjaċini?
MARISA
Ħafna. Ħutek l-oħra se jarralhom li ma ġewx. Int qiegħda hawn.
Ħares lejha. Għad jiġi ż-żmien fejn issir tkun tafuli.
JENNY
Jien? Lilek? U ta x'hiex dan?
MARISA
Li ġiegħltek tagħti l-aħħar -
JENNY
Int? Iġġiegħel lili?
MARISA
Li insistejt miegħek biex ittiha l- aħħar tislima.
JENNY
Marisa,...
(nifs qawwi)
...tin - da - ħalx.
MARISA
Sinjura Jenny, għal ġid tiegħek qed ngħidlek.

JENNY
Imma int bis-serjetà? Aħjar ma ngħid xejn ukoll!

MARISA
Għamel int mela. Tgħidx li ma wissejtekx.

JENNY
(urtata, nifs qawwi)
Le Marisa, le. Forsi kont tbeżżagħni meta kelli ħames snin imm' issa le... issa...
(tbiddel fhemtha)
Iktar jiena.
(Pass il-quddiem)
MARISA
(tordna)
Jenny. Titlaqx qabel ma tħares lejn ommok!

JENNY
(tħares lejn Marisa. Pawsa twila. Lejn Formosa)
Iftaħ.
Formosa jmur ħdejn tarf it-tebut u jiftħu. (L-għatu lejn l-udjenza) Jenny tersaq lejn it-tarf l-ieħor. Tħares lejn il-mejta. Waqt dan:

GIOVANNA
(lill-udjenza, dejjem bid-djarju f'idha)

Tridu tneħħu minn moħħkom kull idea li seta' kellkhom dwar it- tifsir tal-kelma 'familja'. M'għandha x'taqsam xejn mat- tifsir kristjan, musulman, buddist, hu x'inhu. Din il-familja tiegħi, kif jiena ċerta li diġà qtajtuha, hija totalment differenti. Anzi, nazzarda ngħid li familti hija għal kollox 'oriġinali'. Qatt ma rajtu bħalhom. Issa taraw

Iċempel il-mowbajl ta Jenny. Tirrispondih.
JENNY
Xi trid?
GIOVANNA
Qed iċemplilha oħtha Virginia. Tiltaqgħu magħha dalwaqt.

JENNY
(fuq il-mowbajl)
Iva hawn qiegħda. Għax hekk ridt! M'għandi l-ebda ħjiel Virginia u mhux affari tiegħek. Xi trid? Iva. Kumbinazzjoni għadhom kemm fetħuhuli issa stess. Quddiemi qiegħda. U taf x'hiex? Ħalqha magħluq u mhix titniffes.
(tidħaq)
....Mela, mela x'inhu! Ninsab quddiem ommi u m'jien nisma' l- ebda qrid, l-ebda paniġierki, u m'hi tordnali nagħmel l-ebda xejn. Kważi kważi qed niggustha...
Dażgur li le. Dejjaqtni Virginia.
(titfi il-mowbajl. Tkompli tħares lejn il-katavru - li naturalment aħna m'aħniex naraw.)
GIOVANNA
Hmm. Qed tħares lejja. Qatt ma ħarset lejja. Għallinqas mhux hekk, kif qed tħares lejja issa. Kienet reġgħet bdiet tiġi tarani għax kellha l-inkwiet u riditni ngħinha. Jiġifieri riedet il-flus. Qbilt li nislifhomla. Bl-interess naturalment. U peress li l-ebda bank ma ried isellfilha, l-imgħax li offrejtilha kien ftit aktar... ħafna aktar minn dak li joffri il- bank.

JENNY
(lill-dawk ta madwarha)
Naf li mejta, imma għadni qed nismagħha..... iċċanfarni talli... ma nafx għalhiex.
(lil-kadavru)
Issa la tlaqt ma, f'ġieh il-bambin alla, ieqaf u ħallini bi kwieti.
IEQAF OK?!
GIOVANNA
Missni tlabtha imgħax akbar!
JENNY
Kos hux. Hemm int Ġiovann? U issa?

GIOVANNA
Issa x'hiex?
JENNY
(Lil-Formosa)
Ħasra li ma nistax narha mingħajr dak il-makeup li delliktulha ma wiċċa. Tgħid x'kulur saret? Wara jumejn mejta? Mingħajr qilla.
Mingħajr dak in-nar misħut li kellha f'sidirha? Mingħajr dak kollu li kien igiegħelni nirtogħod hekk kif kont nidħol quddiemha?
It-tmermir jkun ġa beda jidher wara ġurnata?

GIOVANNA
(lill-udjenza)
Dan mhu xejn ta. Stennew sa kemm tiltaqgħu mat-tlieta l-oħra.
JENNY
(tordna)
Naddfilha wiċċa. Irrid narha mingħajr iż-żebgħa.
FORMOSA
Sinjura Gouder, ma naħsibx li dik hija xi ħaġa...
JENNY
Irrid narha kif vera hi. Naddafha.
FORMOSA
Sinjura...
Jenny toħroġ maktur mill-'handbag' biex tnaddaf wiċċ Giovanni hi stess.

JENNY
(mqanqla)
Ok. Ineħħih jiena stess mela.
Marisa tiġri lejn it-tebut u issabbat l-għatu. Tħares lejn Jenny.

MARISA
Aħjar tmur id-dar issa Jenny.
JENNY
(tikkalma)
Ma tieqafx tindaħal hux? Bħas- soltu insomma. Imma issa, issa il- pappa nixfitlek Marisa.

Issa l-indħil għosfor, għal dejjem ta'dejjem. Amen. Aħjar taħseb Marisa. Imma tibżax ta. Hemm ħafna toilets oħra x'tnaddaf f'tass- Sliema. Imma mhux tagħna. Jiena u l-għeżież ħuti fl-aħħar sibna fuqhiex naqblu. Kienet l-ewwel deċiżjoni li ħadna hekk kif smajna li mietet. Irriduk barra.
Illiċenzjajnik. Iġbor ħwejġek minn kamartek u itlaq. Issa. Illum qabel għada.
(Titlaq il-barra)
Pawsa twila. Formosa u Marisa għajnejhom baxxuti.
GIOVANNA
(tidħaq bilmod)
Anzi ħallew ġurnata tgħaddi qabel ma ħelsu minnha! Imma tinkwietawx għal Marisa....Kif għedtilkom.
Hemm Sorpriża. Sorpriża kbira wkoll! Stenna stenna. Wara kollox għalfejn għandkom tinkwietaw?
Għadna kemm iltqajna, le? Għadna lanqas biss għaddejna l-għaxar faċċata tal-iskript, aħseb u ara. Imma ħaġa ngħidilkom, li wara il- lejla, m'intom se tinsewna qatt. Issa taraw. Il-kbir għadu ġej!
Formosa jimxi qrib Marisa.
FORMOSA
Inti se ssuq warajha?
MARISA
Jiena b'tal-linja ġejt. Ħsibt li kien se jkun hawn it- trasport tas- soltu.

FORMOSA
Tista' tirkeb magħha jekk trid.
MARISA
Mat-tebut?
FORMOSA
Ma saret l-ebda talba għal karozza oħra.

Mat-tebut?

MARISA

FORMOSA
Nagħmel li tgħidli sinjura.
MARISA
Nġib taxi!
FORMOSA
Ara ħa ngħidlek. Nwasslek jien. Bil-karozza tiegħi. Irrid naqdi qadja l-Addolorata u nwasslek jien.

Orrajt. Tiġi minnha?

MARISA FORMOSA
MARISA

Kont impjegata magħha.
FORMOSA
Ah! Sewwa. Sewwa. Mela għax ma naħsbux. Jekk jogħġbok.

Formosa u Marisa jpoġġu il-fjuri fuq it-tebut, u joħorġuh il-barra.
SPOT FUQ
XENA 3
GIOVANNA
Le le ta. M'għandkomx għalfejn titħassruni. Dawn iċ-ċuċati ma jagħmlux bija. Drajt. Min jum it- twelid, meta qtilt lill-ommi. Minn meta missieri ma riedx jaf aktar bija. Dwaru għandi xi ngħid. Aktar tard. Kbirt waħdi, għext waħdi, mitt waħdi, u issa se jidfnuni waħdi. Barra Marisa. Sirt naf ħafna nies matul ħajti, u aktar ma kien hemm, aktar kont nsib ruħi waħdi. Iżżewwiġt tlett darbiet. U kont waħdi. Għandi...kelli, erbat itfal, wieħed mill-ewwel, oħra mit- tieni u tnejn l-oħra, tewmin, mit- tielet, u kont dejjem waħdi.
Iwritt ħafna mit-tlett irġiel li kelli peress li dejjem iżżewwiġt il-flus, ġaladarba jiena stess kont ġejja minn familja mimlija sa ruħ ommha bil-flus.

Missieri ma reġax iżżewweġ u bqajt waħdi. Meta miet ħadt f'idi in- negozju ta'missieri, u waħdi, kabbartu u ġibtu l-quddiem. Waħdi. Qatt ma dejqitni din ta waħdi ta. Kont nitqalla nara lil dawk ta' madwari, lesti jagħmlu minn kollox biex jinħabbu miegħi, ma flusi. Nistmerrhom. Kollha kemm huma. Ngħoxa nistmerrhom! Għalhekk waħdi. Għalhekk kont ixxurtjata.

Waqt il-monologu li jmiss, jidħlu il-karattri għax-xena li jmiss.

GIOVANNA
Mela, nkomplu. Dan kollu li ġej mhu xejn ħlief il-frott tat- testment tiegħi. L-aħħar vendikazzjoni qabel nintesa għal dejjem ta dejjem. Imma mhumiex se jinsewni kif ġieb u laħaq. Min dan jiena ċerta. Għalhekk fassart dak li fassart, dak li se taraw il- lejla, biex nagħsar u naħtaf ftit taż-żmien ieħor minn ħalq il-mewt. Żmien biex ntijem it-togħma ħelwa tat-tpattija. Tpattija li tista' sseħħ biss wara mewti. Naf x'qed tgħidu. U allura jekk jiena mejta, kif jista' jkun li qiegħda hawn nitpaxxa b'dak li se jiġri?
Kif jista' jkun li, ġaladarba jiena mejta, nista ntijem it- togħma ħelwa tat-tpattija? Dażgur li nista! Daqs kemm jiena żgura li intom qiegħdin hawn, tagħtu widen lil din l-attriċi tagħmilha ta'waħda mejta. Sakemm intom temmnu, kollox hu possibbli.
KOLLOX! Mela emmnu, u ejjew miegħi biex idduqu id-dieqa ħelwa tat- tpattija. Qatt doqtuha? Iva? Mela tafu. Tafu li m'hemm l'ebda togħma aktar bnina. U li mhux ta'spiss idduquha. Imma illum, illum se idduquha sew, kif qatt ma doqtu xejn qabel. Hemm se tkun, f'nofs ilsienkom u se tħossuha tferfer f'kull parti ta ġisimkom, f'kull rokna ta'moħħkom, f'qiegħ ruħkom. Insew kull ma tgħallimtu u ejjew nidinbu flimkien. X'gost u pjaċir hux? Ejjew. Ejjew.

Niggarantilkom lu mhux se jiddispjaċikom li nfaqtu li l-flus biex tixtru il-biljetti għal lejla. Għall-inqas ferm aħjar minn xi paprata oħra bl-Ingliż mtella minn Zammit Tabona!

GIOVANNA qisha taqbdilna idejna u toħodna fix-xena li jmiss:
DWAL FUQ:
XENA 4:
In-Nutar BRIFFA, bilqiegħda wara mejda. Munzell karti quddiemu. Marisa, fil-ġenb. Bilqiegħda quddiem in-nutar hemm ukoll it-tfal ta Giovanna: Jenny, ALESSANDRO DIMECH CAUCHI 55, VIRGINIA TORREGIANI 50, SALVATORE MANGION DUCA
45, lkoll kemm huma qed jisimgħu lin-nutar jaqra it- testment.

NUTAR
...iffirmat Quddiemi, illum 19 ta Novembru 2019 fil-Palazzo Mangion, Triq il-Kbira. Tas-Sliema. Mela, fil preżenza ta' dawk kollha li ġew imsejħa u li huma hawn preżenti illum għal dan il qari tal-aħħar testment tas-sinjura Giovanna Mangion Duca dawn huma l- aħħar struzzjonijiet.
GIOVANNA
(lill-udjenza)
Stenna. Ejja ma nitilfux żmien. Qabel ma nkomplu ħa nlaqqagħkom ma uliedi. Ma' Jenny iż-żgħira ltqajtu diġà. Li m'għedtilkomx hu li hi iddivorzjata, wara tlett xhur żwieġ. Mara moderna. Xogħolha hu dak ta' Blogger, bl-Ingliż. Bil- Malti, pixxi kalda. Hi tippretendiha li hi ġurnalista.
Biżżejjed ngħid li isimha, Jenny Gouder ikexkex kull politikant li għandna madwarna. Tiggranfa ma kull min jazzarda jiġbed l'inqas attenzjoni lejh. Jaqrha kulħadd. Kull min jħobb jixxala bl-għajb ta għajru, u kull min jobgħod kull kelma li tikteb.

U bħal vampir li jitrejjaq bid- demm mill-vini ta vittmi li ssib madwarha, Jenny tiġbed l-ossiġenu li jżommha ħajja, mill-mibegħda li tkattar b'dak li tikteb. Binti!
Nħalluha hemm.
JENNY
(lin-nutar)
Skużi ta, imma l-mommy riedet lil- Marisa hawn? Magħna?
GIOVANNA
(sarkażmu)
Mommy! Għadha issejjaħli mommy!
NUTAR
Is-sinjura Mangion Duca insistiet li Marisa Abela tkun presenti għal dan il-qari.

ALESSANDRO
Tinten il-biċċa.
NUTAR
Skużani onorevoli?
ALESSANDRO
Is-sinjura Marisa Abela mhix parti mil-familja. Sempliċi lavranta.
Seftura.
NUTAR
L-istruzzjonijiet li għandi huma tali li jirrikjedu il-preżenza tagħha, Onorevoli.
GIOVANNA
Onorevoli! Dan kif u għalhiex nsejħu il-membri tal parlament 'onorevoli'? Issa ħalli li lkoll kemm huma jafu li kull min isejħilhom o-n-o-r-e-v-o-l-i, jagħmlu hekk biss meta jkunu quddiemhom wiċċhom jittalbu għal xi favur. Għax minn wara darhom, jaqblu jew ma jaqblux mal-partit, il-kelma 'onorevoli' ma tintuża mkien ieħor. Alessandro huwa ibni il-kbir mill-ewwel żwieġ. Missieru kien fil-politika ukoll imma miet żgħir ta erbgħin. Attakk tal-qalb waqt seduta fil parlament.

Ħadd ma nduna li kien miet sakemm spiċċat is-seduta u kulħadd telaq l-hemm. Il-gwardjan mar jqajmu u sabu mejjet. F'żmienu kien 'Camica nera'. Ibnu, ibni, Nazzjonalist. Naturalment. Issa ejja nagħmluha ċara. Il-fatt li l-awtur ta'dan id- "DRAMM" huwa laburist, m'għandu xejn x'jaqsam mal-fatt li il- karattru ta Alessandro huwa xi ftit... skabruż, mċajpar, jippretendiha, fanfru, Slimiż, sinjurun, edukatissimu, jaf jilbes, elett mat-tielet count.
Ibni. Alessandro Dimech Cauchi! Li kellu jirtira il-nominazzjoni għal kap tal partit meta oħtu stess, Jenny il-blogger, kienet dik li xerrdet għajdut, kollha foloz naturalment, li l-Onorevoli kellu xi propjetà f'Soho Londra li kienu jintużaw bħala burdelli. Qatt ħadt ma seta' jikkonferma dawn l- għajdut u s'issa għallinqas, il- biċċa mietet hemm.
MARISA
(mistħija)
Isma' jekk triduni nitlaq jien lesta mmur ta'.
(lin-nutar)
Naħseb li vera. Dan mhux posti hawn.

VIRGINIA
Għandek mitt elf raġun. Aħjar titlaq. Umbagħad nibgħatu ngħidulek x'irnexxilek tisloħ.
MARISA

(li tkun diġà qamet biex titlaq)
Nisloħ? Jien?
VIRGINIA
U ejja Marisa.
MARISA
Xi trid tgħid biha din sinjura?
VIRGINIA
Int vera taħsibna ċwieċ għid? Taħseb li ma nafux għalhiex ilek das-snin kollha ikkakmata magħha?

MARISA
M’inix nifhmek ta.
NUTAR
Sinjura Torregiani -
GIOVANNA
Virginia Torregiani. Bint it-tieni raġel. Wiret il-miljuni u qatt ma ħadem ġurnata li hi ġurnata f’għomru. Li kieku ma kienx għalija kieku tilef kollox il- każinò. Ħadt kollox f’idejja u ma rahx sold ieħor mil wirt. Beda jixrob u li kieku ma kienx għalija, li ħallejthu jitmermer kaxxa fliexken ġinn wara l-oħra, kieku għadu ma djuli, rasu fit- tojlit jaqla qisu il-gorgoni fil- funtana ta’ Trevi. Hemm gorgoni fil-funtana ta’ Trevi? Virginia għandha tlett itfal. Miżżewġa lill Salvatore Torregiani. Bena nofs Malta. Jaqlibilha kull meta jkollu ix-xoqqa f’moxta. U hi, taqlibhielu ma kull qalziet li jħares lejha. U hekk jgħixu ħajja mimlija ferħ u paċi... għax għallavolja jgħixu fl-istess dar, f’kmamar tas-sodda separati, ma jaraw lill xulxin qatt. Ma jonqosha xejn, taf lil kulħadd, u kulħadd jafha. It-tlett itfal bagħtithom skejjel barra. Meta darba wieħed minnhom ġie lura Malta għal-vaganzi tas-sajf, hekk kif daħal id-dar, m’għarfitux. Dan ma tantx ħabbel rasu; mar lura l- airport u reġa' lura għal minn fejn ġie. Virginia hija patruna tal-arti. Tonfoq ġidha fuq pitturi u skulturi u kittieba li ma se jkunu magħrufa minn ħadd. Sakemm tafhom hi, u sakemm huma żgħar, u b’saħħithom, u ħelwin, u... u lesti li jħalluha tispirhom, li tkun il-muża tagħhom, allura ma jonqosha xejn aktar. Ħlief il- melħ!

SALVATORE
(ġentili)
Dawn l-aħħar sentejn ommi żmagat.

Bdiet tqassam ġidha l’hemm u l’hawn. Donazzjonijiet lill kull organizzazzjoni u proxxmu li ried jerdagħha. U tridna nemmnu li int bqajt lura?

MARISA
Sur SALVATORE, Ili ħamsa u erbgħin sena naqdi lis-sinjura ommok. Qatt ma nqast ġurnata. Qatt ma ippretendejt xejn ħlief dak li kien ħaqqni.

SALVATORE
Le le Marisa, m’intix tifhimni. Qed ngħid li għamilt sew. Bħal kulħadd kont taf li waslet fl-aħħar. Kont intelliġenti biżżejjed u ħadt l-opportunita biex titħabbeb magħha! M’hawnx għalik Marisa. Rnexxielek. U issa dalwaqt naraw x’ikkonvinċejtha tħallilek.
MARISA

Jien? Nikkonvinċi lill-ommok? Vera ma tafx x'int tgħid sur Salvatore.
GIOVANNA
Salvatore Mangion Duca. Mit-tielet raġel. Arkitett. Ideat fuq ideat u s'issa ħlief grabaġ ma ħalaqx.
Missieru kellu il-fuq minn sittin meta iżżewwiġtu. Kien nobbli.
Baruni. Il-Palazzo tiegħu kien. Missirijiet missirijietu kienu furbara, joqtlu u jisirqu ix- xwieni musulmani għal-kavallieri. Kif wara kollox kienu missirijiet missirijiet il-familji nobbli kollha ta'Malta, li xtraw it- titoli min għand kull-kavallieri li rnexxielhom ixaħħmu. Salvatore kiber bill-fantasiji li wiret min għand missieru. Fantasiji dwar il- valuri estetiċi u nobbli. Ġurnata wara li twieled, mat-tewmija Jenny, missierhom miet, f-sodda il- marsa, fi ħdan prostituta. It-tfal ma jafux. Għedtilhom li miet fil- karozza li kien qed isuq, u ikkonvinċejthom li kien irnexxilu jipparkja sew fil-ġenb tat-triq qabel ma miet.

Kienet Marisa li għenitni nlibsuh w inġorruh mis-sodda tal-qaħba għal ġol karozza. Saqniħ sal-blata il-bajda u ħallejnieh hemm biex jinstab mill-awtoritajiet..
MARISA
Lis-sinjura Giovanna ħadd qatt ma kien jikkonvinċijha tagħmel xejn. Dejjem ta'rasha għamlet. Ma kienet tibża minn ħadd, Alla jagħtiha il- ġenna.

JENNY
Jekk ommi qiegħdha l-ġenna allura bilfors li San Pietru vera żbroxxla waħda sew.
GIOVANNA
(tidħaq)
Xi ħlewwa!
ALESSANDRO
Ara, naqtgħuha fil-qasir. Qabel ma taqra sur nutar irrid ngħid dan.
Jekk ommi ħalliet aktar min xugaman wieħed lil-din il-... lil din il-

JENNY
Lil din is-seftura li qatt ma tgħallmet kif tagħlaq ħalqha u ma tindaħalx fejn ma jesgħhiex -
ALESSANDRO
- Jien lest nikkontesta il-wirt b'kull rikors li nista nsib fil- qrati. Hemm x'hemm f'dak it-testment ma jistax jinkludi lill- din is-sangisug li qattat ħajjitha tgħix minn fuq dar ommi.
MARISA
(mbikkma)
Mhux vera. Għalhiex qed tgħid hekk. Ħlief nsefter warajkom m'għamiltx.

VIRGINIA
Dak li jiġri meta turi naqra ġenerożità mal-ħaddiema. Mis- sebgħa arahom jibilgħu l-id, ir-ras, is-saqajn.

Kont taf li ommi kienet qed tħalsek wisq ta' xogħlok u ipprofittajt ruħek. Missek tistħi. Serq. Serq sfaċċat. Ma nafx kif stajt tgħix miegħek innifsek.
SALVATORE
Ħalliha tgħid Marisa.
ALESSANDRO
Tkellem l-artist!

SALVATORE
Isa, fl-aħħar. Sejjaħtli artist. Grazzi Ħija.

F'sormok.

ALESSANDRO

VIRGINIA

Alessandro, Qis kliemek jekk jogħġbok. Tinżilx fil-ħama.
JENNY
M'aħniex il-parlament.
ALESSANDRO
Virginia, għażiża oħti. Meta titkellem dwar il-ħama aħjar tħares lejn min tgħix fih, le Jen?.

JENNY
Miskin, la żmagajt, żmagajt.
GIOVANNA
it-tiġrija bdiet bl-erbgħa li huma ras m b'ras.
ALESSANDRO
Għad jasal żmienek int tibżax.
JENNY
Jiena? Nibża' ? Minnek?
ALESSANDRO
Huwa ara x'jien ngħidlek. Jaqbillek tibża.
JENNY
Qed theddidni ħija?
ALESSANDRO
Twissija, ta'ħuk il-kbir.

GIOVANNA
Salvatore quddiem. It-tlieta l- oħra warajħ.

VIRGINIA
Ara ma tibdewx ta'. Ma niflaħx nismagħkom aktar. Qiskom ġiex sriedaq ma tieqfu qatt.
ALESSANDRO
Tindaħalx.
VIRGINIA
X'għedtli?
ALESSANDRO
Għedtlek għamlilna favur, tella' l- qalziet ta taħt u tkellem minn ħalqek.

VIRGINIA
Pastas. Baxx. Vili. Komuni. Mingħajr l-ebda deċenza.
ALESSANDRO

Tistħajlekx il-verġni mqaddsa. Ħallina trid. Dan-nejk ħallih għas- seduti tal-arts council. Nafu biżżejjed int min int u x'int.
GIOVANNA
Alessandro jkompli javvanza.
VIRGINIA
(urtata, jonqosha in- nifs)
OH! OH! OH!
In-nutar jiġri jferra tazza ilma u jisqi lill-Virġinja
SALVATORE
(sarkastiku għall- aħħar)
Nifs qawwi oħt. Nifs qawwi. Ara li ma tixraqx. Ma nafx għalhiex għax is-soltu ma' ssib l-ebda diffikultà tibla.
JENNY
Ħalliha, forsi ma tafx kif. Fil- kas kollox jinqasam bejn tlieta le?

SALVATORE
Għandha it-tfal.
JENNY
Dawk jgħoddu? Allavolja lanqas hi stess ma taf li hi kienet li welditħom?

VIRGINIA
Nies moqżieża.
(turi lil Marisa)
Għar minn dik.
ALESSANDRO
Kulħadd jgħid li tixbaħni ta. Fula maqsuma, jgħidu.
GIOVANNA
Alessandro waħdu quddiem nett.
NUTAR
Sinjuri jekk jogħġobkom. Daqsxejn ta'rispett lejn ommkom.
MARISA
(ma jismagħha ħadd)
Issa tara, mela le!
JENNY
(idur lejn in-nutar, taħtfu)
Skużi?
NUTAR
Għadkom kemm dfintuha!
JENNY
U allura taħseb li għax mejta jistħoqqilha xi rispett ġdid?
NUTAR
Ġdid?
JENNY
Giovanna hija ommna għax ħriġna minn ġufha. Xejn iżjed.
GIOVANNA
Giovanna? M'għadnix 'mommy'?

JENNY
Niggarantilek li kieku kellek tgħaddi minn dak li għaddejna aħna minħabba fiha, żgur li ma kontx tiskandalizza ruħek daqshekk malajr.

GIOVANNA
Hawn hi. Arawha ġejja.
JENNY
Ħelset minna hekk kif ħelset mit- tqala. Ma riditniex. Qatt ma riedet tfal. U kellha erba' . Ma nistax nifhem. Darba smajtha tgħid, ... kont għadni żgħira.
Kemm seta' kelli? Għaxar snin? Ma ninsiha qatt. Il-kelma 'misħuta' ħasditni. MISĦUTA. Għadni nista nisma' x'qalet dak inhar. Kienet fil-kċina miegħek.
(turi lil-Marisa)
'Jien misħuta' qaltlek. 'Kull darba li ħallejt lil żwieġi imissuni kont nispiċċa tqila.' U int dħaqt. Dħaqt bil-qalb Marisa. Niftakrek tidħaq. U ta' għaxar snin fhimt x'riedet tfisser. Aħna, lkoll kemm aħna, l-erba' li aħna, mhux biss konna il-misħutin, imma wkoll is-saħta li kellha titqanna biha. U int dħaqt. Forsi hemmhekk indunajt int x'vera int. Min hemm, kull darba li sibt ruħi quddiemek, kull ma kont nisma' , kienet id- daħqa, id-daħqa tas-saħta.
GIOVANNA
(bħal dejjem, lill- udjenza)
Ajma x'traġedji! imma se jkolkom tisimgħu ħafna aktar ta.
MARISA
Alla ħanin!
ALESSANDRO
(lil Jenny)
Ngħiduha kif inhi. Forsi fil-kas tiegħek ma tantx kellha tort!
(jidħaq)

JENNY
"Minn mindu ħareġ l-ewwel wieħed, ħajti spiċċat. Qeridni. Ġiegħeluni nisqieħ. L-ewwel u l-aħħar. Ridt nifqalu wiċċu kull darba li iddendel ma sidri.'
ALESSANDRO
(maħsud)
Qed tivvinta minn żniedek.
JENNY
Staqsi lil-Marisa. Tiftakarha tgħidu dal-kliem Marisa?
MARISA
Le, Le ma niftakarx.
JENNY
Qed tigdeb.
ALESSANDRO
Ħajtek gidba.
JENNY
Imma issa se jkollok tgħix biha le?
(timita lill- Alessandro)
Tgħid vera? Vera li ommi tqażżitni?

ALESSANDRO

Bħal li kieku qed tgħidli xi ħaġa ġdida!

JENNY
Le le. Din ġdida. U kif. U għandi oħrajn ta.
(iddur lejn Virginia)
Xi darba ngħidlek x'kienet tgħid dwarek oħt.

VIRGINIA
Ma rridx nisma' . Għalija ilha iż- żmien li mietet.
JENNY
Firenze. Is-serqa tal-Caravaggio.
VIRGINIA
(maħsuda waħda sew)
Le ta. Kissirt biżżejjed nies. Mhux se jirnexxilek miegħi.

JENNY
Jekk int innoċenti m'għandekx min x'hiex tibża.

VIRGINIA
Ara ma jfettillekx għax il-qorti ntellgħek.

ALESSANDRO
Idħol fil-'kju'
JENNY
Kollox f'waqtu oħt. Kollox f'waqtu.
(iddur lejn Salvatore)
U int ukoll ta.
SALVATORE
(ċajtier)
Ma nemmnekx. Ma kienetx taf li nezisti, aħseb u ara.
JENNY
(tidħaq, kattiva)
U int min taħseb li fottilek il- kuntratt tal Qawra?
SALVATORE
X'inhu?
JENNY
F'waqtu. Kollox f'waqtu.
SALVATORE
Għidli issa.
JENNY
Qed tordnali?
SALVATORE
Qed nisfidak. Ejja. Aqlagħha jekk għandek.

JENNY
Għandi snin sħaħ ta stħarriġ. Kuntatti fuq kuntatti, u aktar kuntatti, kollha lesti jirreġettaw il-ħama li jafu fuq għajrhom, sakemm il-ħama dwarhom tibqa mistura.

Tibblaffja.

SALVATORE

JENNY
Xi darba nurik il-kuntratti, ittri, dokumenti. Imma kollox f'waqtu.
Salvatore jqum bħal irid iħebb għal Jenny.
NUTAR
Sinjuri. Ma nistgħux nkomplu sejrin hekk. Ara jekk mintkomx se iġġibu ruħkom ta nies jien se nagħlaq hawn għal-lum u nerġa insejħilkom ġurnata oħra.
Kulħadd jikkalma.
GIOVANNA
U Jenny tgħaddi lil kulħadd u tirbaħ it-tiġrija. Bħas-soltu.
NUTAR
(lejn Salvatore)
Jekk jogħġbok. Poġġi.
Salvatore jpoġġi. It-tensjoni taqta fil-laħam il-ħaj.
NUTAR
Nista nkompli?
(ħadd ma jirrispondi.)
Tajjeb. Mela nkomplu.
In-Nutar jibda jaqra imma ma nisimgħuħx. Minflok:
XENA 5
GIOVANNA
Qabel ma tisimgħu dak li se jaqra in-nutar, irrid ngħid dan. Qatt ma ridt niżżewweġ. Kelli tmintax il- sena u darba minnhom missieri sejjaħli fl-istudju. Mingħajr ma ħares lejja, qalli li rranġa kollox ma ta' Dimech Cauchi, u li iż-żewġ familji qablu li Edoardo, minn naħa tagħhom, u jiena, ningħaqdu fiż-żwieġ, li kellu jseħħ sitt xhur minn dak inhar.
Għajjat. Twerżieq. Tkissir ta platti, kikkri, għamara. Kollu kien għalxejn. Sitt xhur wara iżżewwiġna. Kellhom ibellgħuli mistura biex 'jikkalmawni'.

Libsuni, ħaduni il-katedral u żewġuni, bierkuni, u ħeles minni. Għallinqas hekk ħaseb. Kien ried tifel, u meta nduna li martu tgħatu lili, u li biex twelidt jien, kellu jisfa għarmel, qatt ma ħamilni. Kull darba li lmaħtu iħares lejja dejjem rajt dik l- istmerrija f'qiegħ għajnejh. Quddiemu kellu lil dik li qatlitu lill-martu. Kien jobgħodni. Kont inxommha l-mibegħda f'qalbu.
Kienet tinfirex matul ġismi, tħammarni, twaqqafli in-nifs, tgħajjat u twerżaq f'moħħi: "Mea culpa. Mea culpa. Mea maxima culpa." Għal missieri jien kont ħatja w il-ħtija ħadet post ruħi. Sakemm, ġurnata fost l-oħrajn, qomt mis-sodda ferħana se ntir.
Mhux soltu. Is-soltu id-dwejjaq jinżel fuqi qisu ballun taċ-ċomb hekk kif niftaħ għajnejja. Mhux dik l-għodwa. FERĦ. Ferħ tal-ġenn. Hekk. Mingħajr l-ebda raġuni. Kien xi xagħar wara il-mewt tal-ewwel raġel. Kont tqila b'Alessandro, Seba' xhur skorruti. Ġiegħluni immur lura id-dar ta missieri, għax kif qaluli kien wasal fl- aħħar. Inżilt biex nieħu il- kolazzjon. Hu kien

hemm, bil- gazzetta f'idu, wiċċu moħbi wara xi artiklu lagħqi, miktub minn lagħqi għal lagħqa tar-re Brittanniku. Servewni it-toast.
Bdejt niekol u ma kull gidma it- tqarmiċ f'ħalqi beda jidwi qisu sajjetti fl-eqqel maltempata ta' Novembru. Niżżel il-gazzetta biżżejjed biex jikxef għajnejh. Kien qed iħares lejja, b 'dik il-ħarsa. Waqaft. Bil-mod il mod, erġajt gdimt it-toast.
(ĦOSS KBIR TA TQARMIĊ)
Aktar tqarmiċ. Għajnejh sarulu vampa nar. Tqarmiċ. Nar. Tqarmiċ. Nar. Sakemm sabbat il-gazzetta fuq il-mejda. Qaleb it-tazza tal-kafè. Ġew jiġru biex inaddfu imma bagħathom lura. Għajnejh f'għajnejja. Erġajt gdimt....
(TQARMIĊ)

Beda jirtogħod. Gdimt.
(TQARMIĊ)
Rogħda. Gdimt.
(TQARMIĊ)
Rogħda. U hemm fejn jien ntbaħt li ma kellix għalfejn nibża' . Minn xejn u minn ħadd. Qam b'sabta u telaq il-barra. Tirt min fuq il- mejda, 'Ma nibżax'. MA NIBŻAX.' W it-twerżieq ġo moħħi nbidel. 'M'hemm l-ebda ħtija. M'inix ħatja. M'INIX HATJA. U missieri ħassha f'demmu w ruħu din il- bidla. Issa kien HU li kien qed jibża' . Jibża minni. Min jaf għalhiex. It-tqala tgħid? Tgħid minħabba li ġo żaqqi kelli it- toqol ta min żverġnani? Mara ħobla. Jien, li qtiltlu lil-martu? Miet fis-salott. Kont qed inredda lit-tarbija. Rajtu dieħel, rajtu jħares lejja, b'Alessandro f'diragħajja. Jien li qtilt biex ngħix, kont qed ngħajjex. Rajt l- għira tfur minn għajnejh. Rajtu jaqa mal-art. Dar lejja. Talabni niġri nġib l-għajnuna. Ħarist lejh, u komplejt inredda lit- tifel. Ma felaħx jitkellem... u tbissimtlu. U miet. Qomt, poġġejt lit-tifel fuq it-tapit, nżajt ħwejġi u żfint, żfint, żfint ma tul id-dar, għal ġol ġnien, żfint sakemm saqajja bdew idemmu fuq iż- żrar. Sakemm ħarġu jiġru bill- gverti biex jgħattuni. Għadni ma nafx eżattament x'riedu jgħattu.
Ġismi għarwien jew iż-żifna xellerata tiegħi f-ġieħ it-tmiem ta dak li qafilni f'qiegħ il- ħtija? Ħallini b'aktar flus milli stajt nonfoq, u bdejt nonfoq.
Nfaqt. U tafu x'hiex? Ħaġa minn għawl id-dinja. Aktar ma nfaqt aktar in-negozji rnexxew. Ridt nonfoq biex nħassarlu ismu u minflok, bħal saħta, kull ma kont immiss kien isirli deheb. Żewġ żwieġ oħra, f' żmien għaxar snin, u kull wieħed minnhom ħallieni b'aktar flus, aktar art, aktar negozji, aktar mibegħda minn kull min kien jitfa għajnu għajjura fuqi. U għira kien hemm.

Biex tbiegħ. Min kullimkien. Knisja, gvern, negozjanti, avukati, kollha kemm huma. Dan kif jista' jkun li mara, mara, jirnexxielha f'kull ma tagħmel.
MARA! U aktar ma kienu jgħejru aktar stagħnejt, u aktar għoxejt narahom ikaxkru il-bażwa mal-art, mgħobbija sa gerżumthom bil-piż tal-għira. Tlett iż-żwieġ. Tlett irġiel. Tlett iljieli li sqejt lili innifsi dik l-istess mistura biex inħallihom jieħdu dak li kellhom id-dritt jieħdu. Għeżżist snieni, għalaqt għajnejja u ħallast sehemi skont il-kuntratt mbierek minn fuq l-artal. U ħarġu dawk l-erbgħa. U ma ħassejt l-ebda ġibda, l-ebda ħerqa, l-ebda... , xejn. Kont omm, u ma ridtx inkun. Ndunajt li kont nistmerrhom, kif stmerrni hu. Mela issa kien imiss lil-erba' uliedi biex kull darba li ħarsu lejja ma jaraw xejn ħlief dik l-istess stmerrija ta'missieri f'qiegħ għajnejja. Imma, ta gwappi li huma, għax l-erba' li huma gwappi tal prima klassi, stmawni f'sormhom. Le, le, Perfett! Ma setgħux jagħmlu aħjar. Għax b'hekk, minn naħa tagħhom, ma ħassew l-ebda ħtija, u jien l-ebda terrur. Xejn affattu. U għaddew is- snin, u meta mitt, ċerta

li ma neżgħux ħwejjiġhom u ħarġu jiżfnu fil-ġnien. Kellhom wisq x'jagħmlu. Alessandro jerda il-poplu fil- parlament, Virginia terdha l- artisti, Salvatore jerda il- paċenzja ta dawk ta' madwaru, U Jenny togħxa terdha lill-kulħadd f'daqqa. U issa, issa qiegħdin hawn, jistennew. Kollox se jaqa f'idejhom, u dak kollu li bnejt se jisfaxxa fix-xejn. Fix-xejn.
(irrabjata)
Ma tantx hemm wisq x'nista nagħmel, ħlief li nara li qabel ma jkissru kollox, se jkollhom jegħrqu l-għaraq tad-demm.
Għalhekk se nkompli nilgħab il- logħba minn hawn. Le mhux mill- infern. Ma jeżistix. Mhux kif qalulna. L-infern diġà għextu,

XENA 6

(tipponta lejn l- udjenza)
...hemm. Din is-siegħa mhu se jinsewha qatt. Intom lesti? Mela għalina!

NUTAR
...mela dawn huma l-aħħar xewqat tas- sinjura Giovanna. Direttiva numru wieħed:

GIOVANNA
Il-blokk bini f'strada Wellington, li bħalissa qiegħed mikri lil- partit Laburista, jingħata għal fini ta użufrutt perpetwu lill- partit Nazzjonalista. Jekk xi darba din il-propjetà taqa' għal-bejgħ, il-fondi li jinġabru mill- bejgħ imorru kollha għand il- partit Laburista.
ALESSANDRO
Kif inhi din?
NUTAR
Għandi ħafna x'naqra. Nħallu il- mistoqsijiet għal wara li nispiċċa.

ALESSANDRO
Qed tiċċajta hux?
NUTAR
Emmnuni dan mhux ħin iċ-ċajt.
VIRGINIA
Something tells me this is only the beginning.
JENNY
OH. MY. GOD.
SALVATORE
Ħalluh jispiċċa. Kompli sur Nutar.
NUTAR
It-Tieni artiklu:

GIOVANNA

Il-blokk bini f'George Street, San Ġilian, li bħalissa huwa mikri lil Soho developments, u qed jintuża għal fini ta Gentlemen's club, speċifikament SOHO CLUB, jingħata għal fini ta użufrutt perpetwu lill-Kurja. Jekk xi darba din il- propjetà taqa' għal-bejgħ, il- fondi li jinġabru mill-bejgħ imorru kollha għand iċ-Ċentru Iżlamiku.

JENNY
Brilliant. Ġenju.
ALESSANDRO

Nappellaw. What a bitch. Dan ġenn.

VIRGINIA ALESSANDRO SALVATORE

Irrid nkun quddiem l-arċisqof meta jgħidulu.

NUTAR
It-tielet artiklu.
ALESSANDRO
M'hemmx għalfejn tkompli. Se nappellaw. Miġnuna.
NUTAR
Hawn għandi ċertifikat minn għand il-psikjatra Francis Formosa fejn jiddikjara li eżamina lis-sinjura Giovanna għal ġimgħat sħaħ qabel ma ħalliet dan it-testment u sab li is-Sinjura Giovanna kienet f'saħħa mentali mill-aqwa u li kienet fis-sensi tagħha meta għażlet li tirreġistra dan it- testment.

GIOVANNA
Saħħa mentali mill-aqwa.
VIRGINIA
What a bitch!

GIOVANNA
Għad baqa' ta'. Fuq ix-xwiek.
SALVATORE
Il-gazzetti se jagħmlu festa. Din akbar mil-ħama li taf taqla int Jen.

JENNY
Is-Soho club huwa il-local tiegħek le Sal?

SALVATORE
Le Ħanini. Minn mindu sirt naf li int sirt il-main attraction waqaft immur.

NUTAR
Sinjuri. Jekk jogħġobkom! Nkomplu. It-Tielet artiklu.
SALVATORE
Sur Nutar, kemm hemm minn dawn l- artikli b'kollox? Qed insaqsi biex nkunu ippreparati għal xi eventwalita ta' xi attakk ta qalb. Taf int. Mhux kulħadd fostna għadu żgħir.

Kiesaħ!

VIRGINIA

ALESSANDRO

(Għarqan)
Se nappellaw.
JENNY
Għandu raġun ħija it-tewmi. Żomm il-meds viċin Alessandro.
VIRGINIA
Something tells me we're in for it.

ALESSANDRO
Nappellaw.
JENNY
Kompli sur. Nutar.
SALVATORE
Stenna. Jekk jogħġbok. Kemm hemm minn dawn l-artikli.

Erba' . Erba' biss? Oh God!

NUTAR SALVATORE VIRGINIA
SALVATORE

Hemm il-fuq min għaxar miljuni ta propjetà u assi. Dawn it-tnejn ta qabel bilkemm missew miljun minnhom.

JENNY
U naturalment iż-żewġ artikli li jmiss se jieħdu ħsieb dak kollu li għad baqa' .

VIRGINIA
God help us!
SALVATORE
Se nispiċċa mingħajr dwiefer. Kompli kompli

NUTAR
It-Tielet artiklu:
GIOVANNA
Kull mara Maltija, mwielda Malta, li fl-għaxar snin minn wara mewti jkollha aktar minn sitt ulied tiret

In-Nutar jaqbad jisgħol. Kulħadd jieqaf. In-Nutar iferra tazza ilma. Jixrob. Kulħadd anzjuż.
NUTAR

Kull mara Maltija -
GIOVANNA
-mwielda Malta, li fl-għaxar snin minn wara mewti jkollha aktar minn sitt ulied tiret mitt elf ewro sakemm jitħallsu tlett miljuni ewro.

God almighty!

VIRGINIA

ALESSANDRO
(jippassiġġa)
Ġenn. Mhux imbilli jgħid dak iż- żigg ta psikazobbi.
VIRGINIA
Excuse me! Mind your filthy tongue.

JENNY
Ma setgħatx tkun miġnuna biex ħasbet dan kollu.
SALVATORE
(jidħaq)
M'hawnx għalija Giovanna.
JENNY
Mħatra li l-kbir għadu ġej!
NUTAR
Nkomplu bl-aħħar artiklu.
Virginia trodd is-salib. Alessandro jerġa jpoġġi. Jenny tistenna bi ħrara u Salvatore iqum
SALVATORE
Stenna. Ma nistgħux narmu dan il- mument hekk. Qabel ma jaqra 'l- aħħar artiklu', nixtieq infakkarkhom li -
VIRGINIA
For fuck's sake shut the fuck up and go fuck yourself.
JENNY
Wow! Sakemm tħanxar bl-Ingliż kollox sew għall-oħti. Imma l- kliem ħażin bil-Malti le, għax dak itarrxilha is-sensittivita fraġli li għandha ma sormha.
ALESSANDRO
Aqra, f'ġieħ kemm hemm.
SALVATORE
Kull ma ridt ngħid
IT-TLETT AĦWA FLIMKIEN
SHUT UP!
Kulħadd idur lejn in-Nutar. In-Nutar, mbellaħ jħares lejhom.

Pawsa.
VIRGINIA
(bill- kalma kollha, lejn in-Nutar)
Please.

NUTAR
(jiffriska griżmejh)
Ir-raba, u l-aħħar, artiklu.
GIOVANNA
Għeżież uliedi.
L-Erba’ jirreaġixxu, kulħadd differenti. B’disprezz, daħq, mibegħda, u inkredulita.
NUTAR
(irrabjat)
Għeżież uliedi.
Kulħadd jisserja u jħares lejn in-Nutar. Ir-reazzjonijiet tal-ulied matul dan li ġej huma diversi u sostanzjali.
XENA 7
GIOVANNA
Kelli mmut biex inqiegħdhom flimkien dawk iż-żewġ kelmiet. ‘Għeżież’, u ‘uliedi’. Kieku kellkhom tisimgħuni bħal issa, aqta' kemm qed infaqqa daħq!
Immaġinawni nżomm ġenbejja bl- uġigħ, sakemm nikkalma u tgħaddi din il-bawxata daħq. Biżżejjed għalija li nimmaġina wiċċkom bħalissa, qiskom lkoll kemm intom bill-bugħawwieġ fl-istonku, u malajr nisserja. Mela. Fejn kont? Iva. GĦEŻIEŻ ULIEDI! Min hawn u ftit ieħor se ntikom qata’ li m’intom se tinsew qatt.
Ipperrmettuli nispjega ruħi...Xi ħmerijiet ta’ kliem.
Ipperrmettuli! Bħal li kieku tistgħu twaqqfuni! Se jkollkom tisimgħuni, tridu w ma tridux. Alessandro. Ċerta li diġà qed tara kif tista' tannulla dan it- testment. Ma jirnexxilekx. Jekk tipprova inneħħik mil-wirt. Sraqt u għandek biżżejjed imwarrab fil- Panama biex tgħix ta baruni.

Virginia, ħanini, billi tagħmilha tal-benefattriċi tal-arti ma jfissirx li int xi artista. Taf li ftit huma dawk li jieħduk bis- serjetà u li kieku ma kienux flusi kieku ilhom li warrbuk min-nofs. Haġ’oħra. Dak il Caravaggio li għandek imdendel fis salott, li jien biegħedtlek erba' snin ilu, dak falz. Iċ-ċertifikati li għandek, kollha fażulli. Dawk ħallast għalihom jien ukoll.
B’hekk ġiegħltek tħallasni lura ta kemm slaħtni fuq dawk il-porkeriji ta’xogħolijiet bla sens li għaddejt, b’flusi, għal għand il- Muża. Salvatore. Meta se tikber ibni. Bagħtnik l-aħjar skejjel, universitajiet Londra, Ruma, Pariġi. Xtrajtlek lawrea wara lawrea u kulħadd mingħalih li int perit u taf x’int tgħid. Ismagħni Ibni. Dan il- proġett tiegħek li ilek tħanbaq fuqu mhux xejn ħlief ħela ta bżieq. Mhux se jirnexxilek tikkonvinċi lill-ħadd biex tgħaqqad Għawdex ma Kemmuna.
Tagħmel kemm tagħmel studji u riċerki u konsultazzjonijiet, m’int se tasal imkien. Ieqaf. Infaqt wisq flus. Għalxejn ibni. U Jenny! Jenny Jenny Jenny! Kemm se ddum tibla’ libelli? Wieħed wara l- ieħor. Għadek ma fhimtx li kulħadd jobgħodok? Se tispiċċa ħażin binti. Lkoll kemm intom se tispiċċaw ħażin. Forsi hemm min jgħid li dan kien kollu tort tiegħi. Intom lkoll tort tiegħi. U issa, dak kollu li rnexxieli nibni se jsir, kif kien jgħid l- ispettur, duħħan. Duħħan. Imma biex ikun hemm id-duħħan irid ikun hemm in-nar. U sibt mezz kif inqabbadhom in-nirien. Forsi, min jaf, fl-aħħar, forsi, isir xi tibdil. X’inhu dan it-tibdil, xi jfisser, għalfejn, kif u il-come, m’għandi l-ebda idea. Imma is- sulfarina f’idejja, it-tiben quddiemi, u se nixgħelha. Arawha ġejja. Marisa!

XENA 8

Kulħadd, lkoll ixxukjati b'dak li għadhom kemm semgħu, iħares lejn Marisa, li tidher qisha qed tqum minn ħolma kerha.

GIOVANNA
(tkompli)
Għażiża Marisa. Mingħajr tlaqliq -
NUTAR
Nafda fik aktar milli qatt fdajt f'ħaddieħor. U peres li naf li ma nistax nafda f'uliedi se nħalli f'idejk -

Leeeeeee!

ALESSANDRO

NUTAR

Se nħalli f'idejk kull deċiżjoni -
VIRGINIA
Holy mother of Christ!
NUTAR
Se nħalli f'idejk kull deċiżjoni li għandha x'taqsam -
SALVATORE
Il-ħanina dinja!
NUTAR
Se nħalli f'idejk kull deċiżjoni li għandha x'taqsam ma kif għandu jitqassam -

JENNY
Fuuuuuuck!
GIOVANNA
Se nħalli f'idejk kull deċiżjoni li għandha x'taqsam ma kif għandu jitqassam ġidi.
KULĦADD IXXUKJAT
GIOVANNA
(tkompli)
Ta dan se nwellilek dan il- Palazzo, li qattajt ħajtek tnaddaf, bħala ħlas ta dan is- servizz. Il-Palazzo jibqa' tiegħek sakemm int tgħix ġo fih.

Wara mewtek il-Palazzo jingħata lill-kunsill tas-Siġġiewi, Ħal Far, Iż-Żejtun u l-Imġarr. Marisa, kull ma hemm ġol-Palazzo huwa tiegħek. Uliedi għamluha ċara li ma riedu xejn mill-antikalja, (hux hekk kont sejjaħtilha l-għamara Virġinja?), antikalja. It-tlieta l- oħra qablu magħha, għalhekk issa kollox tiegħek -
MARISA
Ġesù Marija Ġużeppi.
NUTAR
U ta dan int se jkollok tiddeċiedi kemm u kif se taqsam dak kollu li baqa' .

MARISA
Ġesù Marija Ġużeppi.
NUTAR
Hemm mhux ħażin u trid tqassmu f'temp ta sentejn.
MARISA
Ġesù Marija Ġużeppi.
GIOVANNA
Jekk Marisa ma jirnexxilhiex tqassam kollox, dak kollu li jibqa' , jinqasam kollu kemm hu, bejn il-banda ta Fuq u l-banda ta' isfel tal-Ħamrun.
NUTAR
Aħsibha sew Marisa. Nħeġġek tieħu parir. Kellem lil min trid -
GIOVANNA
Basta ma tkellimx politikanti, avukati, tobba, nutara, accountants, qassisin, artisti, atturi, mużiċisti, nies li ħadmu mal-Valletta 18 u footballers.
L-ERBA ULIED FLIMKIEN
X'hiex? What. Why? X'inhi din?
GIOVANNA
Footballers.

JENNY
What the fuck?
SALVATORE
Footballers?
NUTAR
Footballers.
GIOVANNA
Nimmaġina qed issaqsu għaliex inkludejt il-Footballers.
NUTAR
Inkludejt il-footballers għax -
GIOVANNA
...għax il-footballers huma nies li -

ALESSANDRO DAN ĠENN. ĠENN MIRQUM.
VIRGINIA
This is madness. Fuckin madness!
SALVATORE
Stenna stenna. Footballers. Għalhiex footballers?
JENNY
I don't give a flying fucking goddam fucker's fuck.
GIOVANNA
OK mela.
JENNY
(iddur b'herra kbira lejn Marisa)
Dan kollu tort tiegħek. Webbiltha int.

MARISA
Ġieżu ġież. O ġieżu ġież.

JENNY
Biex tpattihielna. Ta'kemm tagħjnik f'sormok.
NUTAR
Jekk jogħġobkom!

JENNY
Mintix se tgħaddiha lixxa.
NUTAR
Klawsola A.
JENNY
What? X'hiex?
SALVATORE
Hemm klawsola.
NUTAR

A.

X'klawsola? Klawsola A.

ALESSANDRO NUTAR VIRGINIA

What the fuck is Klawsola A?
NUTAR
KLAWSOLA A. Kull min, b'mod jew ieħor, skont Marisa, jipprova ifixxel il-qadi ta'dmirha, Marisa tista' minn jeddha tiddeċiedi -
GIOVANNA
- li tnaqqas għaxra fil mija mis- sehem ta dak, jew dawk, li ippruvaw ifixklu u tgħaddihom lill Puttinu Cares.
JENNY
(f'wiċċ Marisa)
Like fuck it is you fucking -
NUTAR
Attenta Sinjura Jenny! Dan tiegħek mhu xejn ħlief attentat, vjolenti, biex tfixkel. Imma naturalment sta għas-sinjura Marisa tiddeċiedi.
Marisa? X'taħseb?
Kulħadd jieqaf zoptu, iħarsu ċass lejn Marisa. Marisa tħares lura lejhom b'għaġeb kbir.
MARISA
Ġeeeesu Maaaaaarija Ġuuuuużeppiiiiiii!

PAWSA TWILA
Bilmod il-mod kulħadd jikkalma, u Kulħadd jerġa bilqiegħda.

Giovanna timxi madwarhom, tmissilhom xagħarhom. Kulħadd iħossha imma ma jagħtux kas.
NUTAR
Hemm ħames klawżoli oħra. Klawsola Be. Klawsola Ċe. Sub Klawsola Ċe 1 u sub klawsola ċe 2 u Klawsola De
JENNY

Fuck off.
Jenny tqum biex titlaq.
NUTAR
Sinjura Jenny aħjar tisma dawn il- klawżoli qabel ma titlaq.
JENNY
Għalfejn? Biex naqla' fuq it- tapit?

NUTAR
Għallinqas isma' din. Jekk jogħġbok. Importanti.
Jenny iddur biex tisma.
NUTAR
(jkompli jaqra)
Jekk isiru attentati minn xi membru tal familja, waħdu, weħidha, jew ma xulxin, biex il- wirt jiġi rivedut, mħassar, ikkontestat fil qrati jew b'kwalunkwe mezz ieħor bl-għan li jitwaqqaf milli jiġi eżegwit, allura Marisa se jkollha id-dmir li tagħżel karità ġewwa iz-Zambja u ttihom għaxra fil mija minn ġidi kull xahar li iddum din l- interferenza.

VIRGINIA
She can't do this. She cannot do this. She can't do this can she? I mean she can't can she? Can she.
JENNY
Shut the fuck up Virginia.

Well can she? Ħxietna.

VIRGINIA ALESSANDRO
NUTAR

Ninsisti li tqisu kliemkhom.
L-ERBA
Fuck off!
NUTAR
(kalm)
Biex nirrispondi lis-Sinjura Virginia. Iva. Kull ma hawn miktub huwa legali u l-ebda qorti fid-dinja ma tista' tbiddlu, tneħħih, tippostponih, tirrifjutah, tirrevokah, tinjorah -
ALESSANDRO
Kollox sew, kollox sew, fhimnik.
NUTAR
Klawsola oħra importantissima hija din. Jekk wieħed jew waħda minn uliedi jaġixxu weħidhom, indipendentement mill-oħrajn, b'kwalsiasi mezz, biex b'xi mod l- istruzzjonijiet f'dan il wirt jiġu mfixkla jew sospiżi, il-wirt tat- tfal kollha jintilef kif spjegat hawn fuq.

SALVATORE
(b'daħqa)
Jiġifieri sur Nutar li qed tgħidilna hu li 'l-ebda qorti mi se tħallina inbabsuh, infottuh, u naħxuh.

NUTAR
U li jekk wieħed jew waħda minnkom tippruvaw tbabsuh, jew tfottuh, jew, insomma, il ħaġa oħra li semmejt -

Naħxuh.

SALVATORE

NUTAR

Ikun xi jkun, lkoll kemm intom issofru il penali imsemmija..

VIRGINIA
Oh God Almight Jesus Christ.
ALESSANDRO
Dan qerq u xejn aktar. Kont int nutar li għentha tfasslu dan il- dan il, dan il, dan il
SALVATORE
Weħlitlu id diska. Aqlagħha.
ALESSANDRO
Frodi. Frodi. Xejn ħlief frodi u int mċappas.

NUTAR
Daqshekk. M'għandi l-ebda raġuni il għala għandi nissaporti kliem bħal dan. Jekk tippermettuli se nħallikhom. Tafu fejn issibuni.
In-Nutar iqum biex jitlaq.
JENNY
Don't bother. I'm out of this shit pile.

Jenny toħroġ. Virginia tqum, tiġbor ħwejjiġha u bi kburija kbira titlaq il-barra. In-Nutar jiġbor il-karti u jpoġġihom fil-briefcase.

Alessandro jipprova jqum imma jtih weġa' qawwija f'sidru. Marisa tiġri lejh biex tgħinu imma hu jimbuttha fil-ġenb, iqum u joħroġ.
XENA 9
Salvatore jibda jidħaq waħdu.
NUTAR
(bla nifs)
Din kienet l-għar esperjenza ta'ħajti. Qed nieħu gost narak tidħaq Sur Salvatore.
SALVATORE
X'ma tidħaqx! Ċajta tajba. L-aħjar waħda li qatt smajt.
NUTAR
Jekk qed tirreferi għal wirt niggarantilek li din mhix ċajta.

SALVATORE

Hemm differenza sur-nutar. Kif għadek kemm spjegajt, il-wirt sagrosant. Protett, u ma jista' jmissu ħadd. Iċ-ċajta aħna, lkoll kemm aħna. Trid tkun f'xi dramm tal-Istaġun fil-Manoel biex tniżżilha għax barra minn fuq il- palk ma titwemminx.
GIOVANNA
(tħares lejn l- udjenza)
Tgħid?!
SALVATORE
(idur lejn)
Marisa Marisa Marisa!
MARISA
Sur Salv. Ma kellix x'naqsam. Jien ma kont naf xejn.
SALVATORE
Dażgur li ma kont taf xejn. Dik l- aqwa biċċa taċ-ċajta.
MARISA
(iddur lejn in-Nutar)
X'għandi nagħmel sur Nutar?
NUTAR
Ma nistax ntik l-ebda parir. Ftakar li inti ipprojbita milli tfittex għajnuna jew pariri minn Nutara u oħrajn -
SALVATORE
Inklużi footballers.
NUTAR
- Fil-qadi ta' dan id-dmir.
SALVATORE
U min se jkun jaf jekk talbitx parir jew le?

NUTAR
Kull min għandu x'jitlef, inklużi il-baned ta fuq u ta isfel tal Ħamrun.

Kull ma jridu jagħmlu hu li jtellgħuk il qorti u jekk jirnexxielhom jippruvaw li int kellek x'taqsam ma xi ħadd li jifforma parti minn dik il-lista -
SALVATORE
Inklużi il- footballers...
NUTAR
Sur Salvatore, nitolbok. Is- sitwazzjoni tista' tkun ċajta għalik imma ir-reperkussjonijiet jistgħu jkunu serjissimi.
SALVATORE
Ċajta serja!
MARISA
Se ttini rasi. Jien ma niflaħx għal-dan l-inkwiet. Ħa nsejjaħ lill-Joey.
(toħroġ il-mowbajl u issejjaħ)
NUTAR
Hemm ħafna karti x'tiffirma Sinjura Marisa.
SALVATORE
Sinjura Marisa!
NUTAR

Nitolbok tasal sal-uffiċju strada Forni il-belt biex tiffirma kemm jista' jkun malajr biex b'hekk jingħalaq dan il-wirt. Se nibgħat kopja tal-wirt lill kull min hu konċernat. Jien issa qdejt dmiri u nħoss li m'għandi xejn aktar x'inżid. Għalhekk se nitlobkom tiżkużawni. Saħħiet.
(jiġbor il-karti u joħroġ il-barra)
MARISA
(fuq il-mowbajl)
Joey Ejja il-villa ibni. Issa stess. Le le mhux wara ix xogħol, issa. Issa. Għandi bżonnok.
SALVATORE
Taf li jien aktar qattajt żmien miegħek milli ma ommi?

Lkoll kemm aħna kbirna hawn f'din il-villa, kull wieħed minnha f'kamra għalih. Ma kien jonqosna xejn u kull ma ridna ħadna, u int kont dejjem hemm Marisa. Niftakar kemm konna nieħdu gost nagħmlulek ħajtek infern. Dik Jenny kienet il- perċimes. Kemm kellha, tmien snin meta gerbitek it-taraġ l-isfel?
Ġew ħaduk l-isptar u niftakar, ommi marret miegħek fl-ambulanza. Ma qaltilniex kelma li hi kelma minflok ġie Spettur tal-pulizija ikellimna. Bagħtithu hi naturalment. Aktar ma kbirna aktar ma konnhiex narawha. Ġieli għaddew ġimgħat, umbagħad xhur mingħajr ma nilmħuha, imm'int, int kont hemm, dejjem hemm. Nistaħba kemm nistaħba f'din il-villa ma tispiċċa qatt, qatt ma stajt naħrab minnek. Din il-villa minn dejjem stmerrejtha, għax għallavolja enormi, qatt ma stajt nkun waħdi fiha, minħabba fik.
Kien jaqbadni ferħ ta ġenn meta kien mingħalija li sibt xi post ġdid fejn nista ninħeba, imma le. Dlonk insibek hemm quddiemi, idejk fuq ġenbejk, tordnali immur lura nkompli il-homework, jew niġi għal pranzu, jew biex immur nilbes għall-iskola. Qatt ma waqaft infittex. Ċert li hawn kmamar li għadni ma dħaltx fihom. Imma int taf kull kamra, kull rokna ta' din il-villa misħuta. Hux hekk Marisa?
MARISA
Jien kull ma għamilt kien xogħoli, kif ordnatli is-sinjura Giovanna.
SALVATORE
Kif ordnatlek is-sinjura Giovanna... Bilfors hemm infern għax ma jistgħax ikun li ruħ bħal dik ittemm ħajjitha u ma tpattix għal dak kollu li għamlet. U għamlet x' għamlet, dejjem kien bl-għajnuna tiegħek Marisa.
MARISA
X'int tgħid?

SALVATORE
Min jaf Marisa. Forsi int ħatja daqsha.
(jqum u jdur biex joħroġ)

XENA 10

MARISA
(timxi għal warajh, tibda ir-rabbja)
Ħatja, ħatja ta x'hiex? Jien għamilt dak kollu li kelli nagħmel. Li qaltli. Qdejtkom.

Spot fuq Giovanna.
GIOVANNA
(lill-udjenza)

Allura, x'jidhrilkom? Ġenn le? Imma il-ġenn maħsub jibqa' ġenn? Ma naħsibx ta. Għax ħa ngħidilkom. Dan it-tip ta'ġenn għandu togħma, ħelwa, li tgħix fuq il-ponta tal- ilsien. Kull darba li tiekol, tixrob, it-togħma tqum u tbiddel kull ma jkollok f'ħalqek, tant li kollox isir togħma waħda. Taf li qiegħda hemm u ma tistax tneħħijha. X'tagħmel? Ma tiekolx? Ma tixrobx? Ma tarax. Kull ma tista' tagħmel hu li taċċettaha u tidrha, sakemm ma tagħtix kasha aktar, bħal ma tagħmel meta tieħu in-nifs. Allaħares tagħti kas ta' kull nifs li tieħu għax tifga. U għalhekk titgħallem ma tagħtix kas id-dwejjaq tan-nifs, li ma jaqta qatt. Ma jista' jaqta qatt, għax meta jieqaf, jispiċċa kollox. L- istess dan it-tip ta'ġenn. Trid tidrah, u meta tidrah, issir ġenn.

Jidħol Joey, ġuvnott ta' ħamsa u għoxrin sena, fuq ruħu. Xi ftit ardit, ma jibża minn ħadd.
JOEY
X'ġara ma?
(jinduna b'Salvatore, b'rispett falz)
Sur Salvatore.

SALVATORE
Joey. Għaddi Joey. Qisu tiegħek. X'jien ngħid? Hawn tiegħek issa.
JOEY
(jidħaq nervuż)
Tiegħi? Dażgur, dażgur. Tiegħi.
GIOVANNA
Hemm raġuni għalhiex jismu Joey.
SALVATORE
Ħajtek għadha kemm inbidlet Joey, u il-ħanin Alla jgħina lkoll.
JOEY
(ma jifhimx)
X'gara?
SALVATORE
Issa tispjegalek ommok, li dejjem għamlet dak kollu li qaltilha tagħmel ommi.

MARISA
X'ridtu aktar minn għandi? Ninżel għarkobbtejja quddiemkom?
SALVATORE
(idur lejha qabel ma joħroġ, b'sarkażmu)
Int? Għarkopptejk quddiemna? U issa ma tarax li qed tesaġera Marisa? Imma tibżgħax, żmien il- qadi għadda. U mill-lum il-quddiem se nkunu aħna li se jkollna ninżlu għarkobbtejna. Grazzi ma.
(joħroġ)
GIOVANNA
M'hemmx m x'hiex ibni?
MARISA
(weħidha)
X'waħda għamiltli. X'waħda għamiltli.

JOEY
Min? X'ġara?

MARISA
X'waħda ġratli ibni.

JOEY
Qed tbeżżagħni ma. X'inqala? Għidli.

GIOVANNA
(iddur lejn l- udjenza)
Ejja inħaffu ftit tridu?. Mhux se nerġgħu ngħaddu minn xena oħra fejn nispjegaw il-wirt. Mela, ovvjament, Marisa qalet lill binha Joey dak kollu li kien ġara.
JOEY
(li għadu kemm sema l- aħbar)
Il-ħaaaaaanina dinja. Il-qaħbeċ dinjeċ! Int bis-serjetà?

Joey jaqbad lill-ommu u jibda jiżfen magħha madwar il- palk. Giovanna tidħaq u iċ-ċapċap.

Marisa timbottah u tinżel bilqiegħda biex tistrieħ, b'nifisha maqtugħ. Joey jibqa' jaqbeż waħdu sakemm jieqaf u jmur lura ħdejn ommu.

JOEY
Allura kollox hawn ġew tagħna? Kollox?

GIOVANNA
(imħassba)
Le Marisa, tiegħek, mhux tagħkom.
MARISA
Hekk qal in-Nutar. Iridni immur niffirma xi karti qal.
JOEY
Immorru. Immorru issa stess.
MARISA
Le, le mhux issa.
JOEY
X'qed tistenna.
MARISA
X'waħda għamlitli! Ġesù Marija għajnuni intom.
JOEY
Ma m'għandek bżonn l-ebda Ġesù Marija, ma. Hawn jien.

GIOVANNA
Insejthu lil-Joey. Missni inkludejtu fil-lista, wara il- footballers.

MARISA
X'se nagħmlu?
JOEY
Se nifqgħu id-dinja.
GIOVANNA
(mhux dan kien il- pjan)

Stennaaaa! Stennaaaa!
MARISA
Nifqgħu? X'nifqgħu? X'int tgħid?
JOEY
(joħroġ il-mowbajl, jagħfas numri)
Ma, ħalli f'idejja u ma jiddispjaċikx.
MARISA
Nħalli f'idejk? X'se nħalli f'idejk?

JOEY
Issa tara.
MARISA
Ara ma ġġibnix fil-għali ibni.
JOEY
Ma, dawn sangisugi lkoll kemm huma. U issa nqalbet il-folja. Issa jmiss lilhom li jinżlu għarkupptejhom u jerdawlna...
(fuq il-mowbajl)
Hawn! Ma taqtax. Ommi wirtet il Palazz ta'Mangion Duca... Mela... Le le x'nitnejjek nitnejjek. Fit- testment man.

MARISA
Lill min qed iċċempel?
JOEY
Lil Pawlu.
MARISA
Le ta. Tgħid xejn.

JOEY
Ma ngħid xejn? Mela vera qed titlef? Din inxandruha ma Malta kollha.
(lil-mowbajl)
Ma nafx id-dettalji kollha imma ommi għandha f'idha il-miljuni man. Miljuni. Ix-xiħa ħalliet kollox f'idejha biex tqassam kollox bejn l-ulied. Le ta, m'inhix. Pawl, sejjaħ lil Leli, u l-Ġużeppi. Ejjew hawn. Nitkellmu hawn. Iva il Karmni wkoll.
Iddumux. Nitkellmu hawn.
(jitfi il-mowbajl)
MARISA
Għalfejn sejjaħtilhom. X'se iġġibhom jagħmlu hawn?
JOEY
Ma. M'intix tifhem x'għadu kemm ġara. Din m'intx se tkun tista' tieħu ħsiebha waħdek.
MARISA
(qed jitlagħlha)
X'se nieħu ħsieb? Jien għadni ma fhimt xejn.

JOEY
Ismagħni ma. Din aħjar milli kieku... irbaħt il-lottu. Ħafna aħjar.

GIOVANNA

Waħda mill-aħjar produzzjonijiet teatrali imma Xuereb maqdru qatta bla ħabel. Ma fehmux.
JOEY
Int se tiddeċiedi kif, meta, fejn u kemm se jieħdu. Iridu minn għandek. U ta dan se jkollhom iħallsu. Bil-kbir ukoll.
GIOVANNA
It-tifel mhux ċuċ.
MARISA
Ulieda qatt ma ħamluni.
JOEY
Maaaa! M'għandekx bżonnhom.

MARISA
Issa aktar se jduru kontrija.
JOEY
Huma għandhom bżonn lilek, mhux int lilhom

MARISA
X'waħda għamlitli.
JOEY
Aktar ma jduru kontrik, inqas se ttihom.

GIOVANNA
Ejja Marisa. Qum min hemm.
JOEY
M'intix se taħsel maduma oħra f'ħajtek

MARISA
(tibda tikkalma)
X'waħda għamiltli.
GIOVANNA
Qum Marisa, qum.
JOEY
(matul dawn ili ġej Joey jiħrax tant li meta jispiċċa jibqa' bla nifs)
Aqbad kull xkupa li għandek u aħraqha. Jum il-ħelsien ma. Se torqod u tqum f'hiex ħin trid. Ħadd mhu se jsejjaħlek biex iġġib tazza te. Ħadd mhu se jibgħatek tgħaddi qalziet ieħor. U biex taqqadha, bħal issa, is-sur onorevoli ta sormi Alessandro, is- sinjura mimlija ħara Virginia, iż- żigg ta' perit bla bajd Salvatore, u dik il-biċċa blogger bla qalb saħħara min qiegħ l-infern is- sinjura Jenny, l-erba' li huma, qed jirtogħodu w jpixxu fil- qalziet.

U taf għalhiex ma, għax issa se jkollhom jistaqsuk, jistidnuk, jkellmuk, jitolbuk bil-ħniena biex tismagħhom, u int, jekk tkun trid, meta tkun trid, kif tkun trid, taqbel, jew ma taqbilx, li ittihom 'meeting' fil-ħin li tagħżel int, u hemm tismagħhom jittalbu, jitkarrbu, jistqarru kull rispett, RISPETT, lejk, lejna, lilek, lilna, biex nixtarru kif u kemm intuhom lura minn dak kollu li serqu minn għandna.
MARISA
(kalma, tinduna)
X'waħda għamiltli.

GIOVANNA
Kompli Marisa, ftit ieħor.
MARISA
(totalment differenti)
X'waħda għamiltli.
GIOVANNA
Hekk mela.
Jidħlu LELI, PAWLU, CIALLI U KARMNI.
LELI: Nightwatchman, (lest jagħmel kollox sakemm jithallas, mingħajr kliem, perikoluż jobgħod lill kulħadd)

ĊIALLI: Waiter, (dejjem ferħan, ma jridx jiġġieled, sakemm taqbiżlu u meta taqbiżlu jibda jfajjar)

PAWLU: Iben Karmni, kuġin ta Joey. Skrivan mal Ene Malta, (kwiet, jaf li kulħadd qieghed hemm biex ifotti)

KARMNI: Oħt Marisa seftura (Kattiva, trid tivvendika ruħha, mingħajr raġunament).
Lkoll iduru ma Marisa, u Joey
L-ERBA'
Vera? Il-Maria Madonna. Kif, hekk dan. Imm' allura ma kienitx taf minn qabel? Imma ulieda mhux se jeħduha kif ġib u laħaq. Ħaqqek ta, ta' kemm ilek isseftrilhom.
Allura hawn se toqgħod issa?

Dawn affarijiet li ma jitwemmnux. Eċċ eċċ eċċ

MARISA
(mibdula)
Grazzi Sinjura Giovanna.
GIOVANNA
M'hemmx mn'hiex.
Joey u l-oħrajn iduru ma Marisa, ferħanin se jtiru. Jerfgħu lil Marisa fuq spallejhom u joħorġuha il-barra.

Giovanna tħares lejn l-udjenza, lejn il-ktieb (id- djarju)f'idha li ma telqitu qatt matul l-att kollu, terġa lejn l-udjenza. Lejn il-ktieb. Timxi lejn l-iskrivanija u tqiegħdu f'kexxun.

GIOVANNA
Ftakru. Hawn qiegħed.
Dawl biss fuq l-iskrivanija waqt li Giovanna toħroġ. Ftit sekondi oħra u jinżel is-siparju.

TMIEM L-EWWEL ATT

IT-TIENI ATT
XENA 11
L-erba aħwa jistennew fis-salott, bilqiegħda. F'nofs ta'argument sħun u mqanqal. Mejda b'sett tat-te bejniethom u xi ikel. Jagħmlu użu minnu matul ix-xeni. Važun fuq mejda fil-qrib.
JENNY
You're the fucking lawyer. Find something for fuck's sake. There must be a law. There always is. U jekk m'hemmx ivvinta waħda. Mhux dak xogħlok?

SALVATORE
L-ebda maġistrat mhu se jmissha din. Il-qrati nsijhom.
ALESSANDRO
Nagħmlu x'nagħmlu, jekk jiġi interpretat bħala interpellanza kontra il-wirt jibdew jitnaqqru il- fondi. Għaxra fil-mija fix-xahar.
VIRGINIA
Has to be illegal. Has to.
SALVATORE
Le, mhix.
JENNY
Allura hekk? Se naċċettaw li qaħba bħal dik li bilkemm taf taqra u tikteb tiddettalna ħajjitna?
SALVATORE
Għax ma tibbloggjax biex tinbidel is-sistema tal-qrati?
JENNY
Jekk hemm bżonn, IVA, jinbidlu. There are ways and means.
ALESSANDRO
Interessat inkun naf kif ta. Ħallina Jen. Ovvja li qatt ma dehert quddiem maġistrat.
JENNY
Qatta xjuħ waqatilhom il-bażwa.

VIRGINIA
What is bażwa?
JENNY
What's in your brain.
VIRGINIA
How ruuuude!
ALESSANDRO
Ma nafx għalfejn qed tinkwietaw. Il-qofol tal wirt għadu tagħna. Kull ma rridu nagħmlu u li nkellmuha u nikkonvinċuha taqsam kollox ugwalment bejnietna, kif għandu jkun.

SALVATORE
Hekk kont qed naħseb jien ukoll. Bil-kliem it-tajjeb naslu.
ALESSANDRO
Ħallu kollox f'idejja. Immur inkellimha jien u nirranġa kollox.
JENNY
U għalhiex INT tmur tkellimha?
ALESSANDRO
Skużi??
JENNY

Why the fuck do you think we can trust you to go titkellem magħha?
ALESSANDRO
X'qed tinsinwa?
JENNY
(tħares lejn l- oħrajn)
Dan bis-serjetà?
ALESSANDRO
X'qed tgħid Jenny?
JENNY
(lura lejn Alessandro, f'wiċċu)
Ejja ħa nara taqtax.
VIRGINIA
I don't get it.

ALESSANDRO
Qed takkużani b'attentat ta'frodi?
JENNY
Bingo!
ALESSANDRO
Irringrazzja lil ħanin Alla li int Mara. Għax kieku...
SALVATORE
Taf li għandi id-dubji fuqha dik.
JENNY
Piss off, asshole.
VIRGINIA
What do you mean Sal?
ALESSANDRO
(jidħaq)
Qed jakkużha li she's been lying to us all her life.
VIRGINIA
She has?
SALVATORE
Minn dejjem kelli dubji.
VIRGINIA
Imma about what?
ALESSANDRO
(jkompli jidħaq)
X'aktarx li OĦTNA l-għażiża, żobb għandha bejn saqajha.
VIRGINIA
(ixxukjata)
SHE HAS?

Shut up.

JENNY

VIRGINIA

But you're not, right?
Jenny taqbad il-vażun u titfgħu fl-art. Ħoss amplifikat Silenzju.

VIRGINIA
(ixxukjata)
That was a priceless work of art.
SALVATORE
Kemm? Ħames mitt sena?
VIRGINIA
Was in the Sultan's palace. Mummy always said -

Fuck mummy! No wonder.

JENNY VIRGINIA
ALESSANDRO

Issa naraw kemm jiswa u innaqsuh minn sehemek.

VIRGINIA
No wonder.
SALVATORE
Jibqagħlu preġju jekk ninkollawh?
VIRGINIA
No bloody wonder.
(irrabjata għall- aħħar ma Jenny)
All you do is break things up. Kull ma tmiss b'idejk. Tfarrak biss taf. Ma tafx taprezza xejn. Art is of no meaning for you. You cannot appreciate the good, the great, the sacred things in life. That was the product of history, a rare and wonderful example of tradition, heritage. A deep manifestation of tortured human expression in the face of adversity. And you destroyed it.
You destroyed sacred immaculate art. That's what you do. You... You...you bitch! You have no humanity in you. You've got no heart. All you've got all
You've got is a żobb between your legs.
Jenny taħsibha tħebbx għalija.

SALVATORE
(jaqra minn fuq biċċa tal-vażun)
Made in Taiwan!
Kulħadd iħares lejħ.
SALVATORE
Made in Taiwan. Hekk hawn miktub hawn. Made in fucking Taiwan.
M'hawnx miktub 'fucking', imma it's made in fucking Taiwan.
ALESSANDRO

Tkomplix Sal.
SALVATORE
Ma temminnix. Hawn ara ħa.
(juri il-biċċa lill- kulħadd)
Virginia taqra u twerżaq.
XENA 12
Jidħlu Joey, Karmni, Ċiali, Pawlu u Karmni.
JOEY
X'gara? Smajna ħoss. Inkiser xi ħaġa?

ALESSANDRO
(lil Joey, arroganti)
Irrid inkellem lill-ommok.
JENNY
(urġenti lill- Alessandro)
Inkellmuha flimkien, mhux waħdek.
JOEY
(jinduna bill-važun imkisser)
Min kissru?
ALESSANDRO
M'għandek l-ebda idea ta' kif imorru dawn l-affarijiet.
JOEY
Min kisser se jkollu jħallas.
JENNY
Int taf?

JOEY
Kien jiswa le? Hawn ġew kollox jiswa il-belli liri.
ALESSANDRO
Ma dawn in-nies trid timxi bill- galbu.

JOEY
Kull ma hawn kollu tagħna.
JENNY
Qed tisimgħu? Qed tisma' x'inhu jgħid?

KARMNI
Jekk ma temminx, staqsi l-avukat. Hekk qal. Kollox tagħna.
JOEY
(b'sabta lejn Karmni) Hawn Karm. Tiegħek? X'jiġifieri tiegħek. T'ommi. U tiegħi.
KARMNI
U iva, ta oħti, dak li ridt ngħid.
JOEY
Iva? Dak li ridt tgħid?
JENNY
Qed tismagħhom?
ALESSANDRO GĦALHEKK MA TISTAX TIDHER INT!

JOEY
(lil Karmni)
Mur ġib xkupa u ikinsu.
Karmni tobdi. Toħroġ.
JENNY
(tiġbed lill- Alessandro fil-ġenb, f wiċċu)
Il-Heaven's Gate Club.
ALESSANDRO
X'hiex?
JENNY
F'King's Lane, Soho.

ALESSANDRO
(ilaqlaq)
Imma, kif, le ta!
JENNY
Cat's paw massage parlours. Kensington Pews.
Joey jdur lejn Virginia.
JOEY
Int tifhem le?
ALESSANDRO
(lil Jenny)
Ma nafx x'int tħawwad.
VIRGINIA
X'nifhem?
JOEY
Tifhem fuq il-važunijiet u dan nejk.
Virginia twerżaq.
JENNY
(taħtaf lil Alessandro, tiġbdu fil-ġenb)
Trid nurik il kopji tal bank- statements mir-Regional Bank fil- Virgin Islands? Bill-firma tiegħek. In-nies li int xaħħamt biex jibqgħu siekta fetħu ħalqhom beraħ meta wasal il-ħin biex jgħattu għabthom. Kull ma kien hemm bżonn kien ftit ta inkoraġġiment minn naħa tiegħi, speċjalment meta raw x'kien se jidher fuqhom fuq il-blog.
ALESSANDRO
Jekk ma tagħlaqx ħalqek...
JENNY
X'tagħmel? Tagħlaquli int?
ALESSANDRO
Bl-akbar pjaċir u bl-akbar sodisfazzjon.
Joey issa jdur lejn Salvatore.

JOEY
Taf min kissru?
SALVATORE
(ta' bir-ruħu ma jafx)
Jien?

JOEY
Hawn kont.
JENNY
(minn taħt lil Alessandro)
Tindaħalx u ma jidher xejn.
ALESSANDRO
Qaħba. Biċċa qaħba tas-sold u nofs.

JENNY
Kemm nagħfas l-enter u addijo onorevoli. Għalxejn nibgħat kollox it-Times, m'għadhiex teżisti.
Alessandro jċedi.
JENNY
(bi tbissima)
Qed nieħu gost li ftehemna.
SALVATORE
Kieku hawn kont, imma kull ma nista ngħidlek hu li la jien, la hija Alessandro u lanqas oħti Virginia ma kellhom x'jaqsmu mal ksur tal vaż.

LELI
(jipponta lejn Jenny)
Mela dik kienet. Joey. Dik, dik.
Joey jersaq quddiem Jenny. Iddur lejħ, b'stmerrija kbira.
JOEY
Kissirt il vaż.
JENNY
Iva.
JOEY
Se jkollok tħallsu.

JENNY
U kemm trid tiegħu?
JOEY
Kemm jiswa.
JENNY
Ma nafx. Int taf?
JOEY
Ħafna.
JENNY
Ħafna? Żgur?
JOEY
La kien qiegħed hawn bilfors li kien jiswa. U dan għalhiex kissirtu?

JENNY
(pawsa qabel ma tirrispondi)
Għax... Għax... Ħa ngħidlek Joey. Hux Joey jismek?
JOEY

Joey.
JENNY
Mela ismagħni sew 'Joey'. Għax ma tiġborx il-fdalijiet, w idaħħalhom f'sormok. Biċċa biċċa ta. U jekk ma jibqagħlekx post, daħħal il bqija f'sorm dawn il-maħmuġin li għandek miegħek.
ALESSANDRO
Ġesù ħanin!
CIALLI
Hawn lil min qed tgħajjar maħmuġin? Li ma tmurx tieħdu.
SALVATORE
Taf titkellem it-tifla eh. Minn daqshekk...

JENNY
Now be a good boy and go get your mother here. We want to talk to her, not you Joey boy. Now, off you go, chop chop.

SALVATORE
Int bis-serjetà?
JENNY
(tordna lill-Joey)
Go. And take your...what are they, friends? Go, go
Iċ-Ċiali, Pawlu u Leli jduru biex joħorġu.
JOEY
Ara ma titniffsux minn fejn intom.
It-tlett irġiel jieqfu fejn huma. Joey u Jenny quddiem xulxin.

Showtime!

SALVATORE

Tidħol Karmni b'xkupa u pala u tiġbor il-fdal tal-važun.
JOEY
Hawn DARI. Int ma tgħidlix x'nagħmel u x'ma nagħmilx f'dari.
JENNY
Kemm hu ħelu! Darek? Ħanini din qatt ma tista' tkun darek. Kull ma se nagħmel hu li nistenna sakemm tħarbtu kull m'hawn, sakemm tbiddluha f'maqjem bħal dawk l- istalel li tgħixu fihom, u jaqa is- saqaf fuqkom, u bħas-soltu, tkunu intom li tabbandunaw dawn il-ħitan biex umbagħad nerġa lura u nnaddaf kollox, neqred kull ħjiel tagħkom u nġibha lura għal li kienet. Sa dan it tant se jkolli nitqanna bill-porkeriji tagħkom. Imma tibżgħax ta. Se nkun qed nittawlilkom mit-tieqa. Biex b'hekk nuri lill kulħadd kemm tafu taħraw barra il-važ.
SALVATORE
(iċapċap)
Ġenju. Xejn aktar. Mela issa m'għandniex għalfejn ninkwietaw għax se naqblu magħhom żgur. Se jaqduna mil-koxxa.
ALESSANDRO
X'iż-żigg taħseb li qed tagħmel.

JENNY
Alessandro you're spitting ruħi. U Sal, Mur ċiċċi bilqiegħda u ħalli il-grownups jieħdu ħsieb jħarsu dak li writt
(tgħajjat)
qabel ma ttajru kollox mas-seba' sema.
(tinduna b'aktar fdalijiet li Karmni ma ġabritx)
Hawn int. Hemm iktar hemm.
Joey jiġri lejn Karmni, jaqbad il pala u jgarahom lejn Jenny, li tibqa fejn hi u ma titniffisx.
JENNY
(lil ħutha)
Case closed. X'għedtilkom?
JOEY
Mħatra li fuq il-loki bl-Ingliż titqanzaħ ukoll.
JENNY
Iva. Għal grazzja t'Alla jien mort
skola. St Dorothy's.
JOEY
Mela mhux ta b'xejn mfottijja waħda sew.

JENNY
Taf fejn hi St. Dorothy qarmuċ tiegħi.
(Joey ma jwieġibx)
Ħsibtu jien.
(lill-oħrajn)
See what I mean?
(lura lil-Joey)
Now I want to speak to your mother.
Tidħol Marisa. Tidher differenti!
MARISA
Hawn jien. Għidli.
JOEY
Ma ħallini nkellimha jien lil din iż-żobb ta' ħarja.
ALESSANDRO
Sinjura Marisa nixtieq nassigurak -

JOEY
Sinjura Marisa? Qed isejjaħlek sinjura Marisa ma. Ara ma tmurx tafdhom.

ALESSANDRO
Nixtieq nassigurak li Jenny mhix neċessarjament qiegħda tirrapreżenta la lili per se, u lanqas li ħuti, Is sinjura Virginia u il Perit Salvatore. Hux hekk Virginia? Sal?
VIRGINIA
What's going on? I can't understand a thing you're saying. This is such a clusterfuck!
ALESSANDRO
Ok then, just sit there and say nothing. I'll take care of this.
JENNY

No you don’t.
SALVATORE
(dejjem bit-tmejjil) Sinjura Marisa. Għamilli tazza te... niċċajta niċċajta. C’mon guys.
Ikkalmaw.
JOEY
Dan iċ-ċajt tiegħek mhu qed idaħħaq lill-ħadd ta. Aħjar tagħlaq ħalqek int.
SALVATORE
WOW!
MARISA
Joey, ieqaf.
(lil-ħbiebha)
Morru stennewni barra. Daqt magħkom.

JOEY
Jien hawn se nibqa' .
(jpoġġi)
L-erba ħbieb joħorġu.

XENA 13

MARISA
(lill-aħwa)
Poġġu, jekk jogħġobkom. Poġġu.

Kulħadd ipoġġi barra Jenny.
MARISA
Dejjem kont l-imqarba. L-aktar waħda. Għadek l-istess. Imqarba, imprekattiva, ta rasek.
Differenti
JENNY
Naqblu. Dejjem demm ibaqbaq kelli jiġri fil vini.
MARISA
Ġejtu hawn biex tkellmuni. Kellmuni.

Wara pawsa qasira l-erba aħwa jibdew jitkellmu f’daqqa. Marisa tgħolli idea u twaqqafhom.
MARISA
Wieħed u waħda wara l-oħra. Jekk ma jimpurtax.

JENNY
Ara ejja naqtgħuha. Aqsam kollox, bejn erba, żomm kemm għandek iżżomm, u neħilsuha.
MARISA
Kieku is-sinjura Giovanna riedet li jsir hekk, allura kienet tgħidu mingħajr tlaqliq. Imma riedet lili niddeċiedi kemm ħaqqkom... Issa għaliex taħsbu li riedet tagħmel hekk. Raġuni bilfors hemm. Is- Sinjura Giovanna qatt m’għamlet xejn mingħajr skop. Il-problema hija li ma riditni nieħu parir minn għand ħadt. Il-lista ta nies li ma jistgħux jgħinuni f’xogħoli hija twila u

dettaljata. Intom mintomx fuq il-lista. Forsi riditni nitlob lilkom tgħinuni kif għandi nqassam ġidha. Tridu tgħinuni?

ALESSANDRO
Dażgur li ngħinuk Marisa. Ma tarax. Aħna qiegħdin hawn għalik.

VIRGINIA
You want US to help you?
SALVATORE
Ara, Nieħu kollox jien. Dejjem kont il favorit tal mummy. Lil dawn ittihom xejn.
VIRGINIA
What a crock of shit you are.
ALESSANDRO
Għamlilna pjaċir u poġġi hemm u għalaq ħalqek, ok?
MARISA
Sinjorina Jenny. Trid tgħini?
JENNY
Biex nibgħatek tixxejjer? Bill- qalb kollha.

MARISA
Ma nifhmekx binti.
JENNY
MINIX BINTEK!
MARISA
Dażgur li mintix. Qisek qed tagħmel minn kollox biex tmur minn taħt.

JENNY
Jien? Minn taħt. Vera ma tafnix Marisa.

SALVATORE
Dejjem minn fuq. F'kollox. Hux vera oħt? Qatt ma kont taħt. Issa qed nifhem għalhiex telqek Chris, u Jerry, u Martin, u Nestor. Qatt ma setgħu jirkbuk. Peres li dejjem kont minn ta'fuq. Joey jidħaq bil-qalb.

How boring!

VIRGINIA

SALVATORE
Naqbel honey bunch. Jekk ma tbidddilx il-pożizzjoni every now and then it gets boring. You must know le pupa.

Minjaf!

JOEY

VIRGINIA

Your vulgarity is boring.
MARISA
Ieqfu. Ma rridx nisma' aktar. Itilqu. Jekk ma nismgħax minn għandkom sa ġimgħa oħra id-deċiżjoni neħodha waħdi. Tistgħu tmorru.
Virginia tqum biex titlaq.
VIRGINIA
You'll hear from my lawyers.
SALVATORE
No lawyers remember.
VIRGINIA
Well I can't decide without a lawyer.

ALESSANDRO
No fucking god damn lawyers. You do that and we all lose it all. So, Virginia, no lawyers.
VIRGINIA
You'ra a fucking lawyer!
ALESSANDRO
I. I. I.I I I,
SALVATORE
Rġajna
ALESSANDRO
Its different. When I'm here I am not a lawyer, I am her son. Her most beloved son.
SALVATORE
Tuni chance ħa mmur naqla.

ALESSANDRO
Ok. Ok. Ok. Sinjura Marisa. Nikkuntatjawk ma ndumux. Ejja. Imxu. Noħorġu.

Alessandro, jiġbed lil Salvatore u lill Virginia. Meta jmur ħdejn Jenny din ittih daqqa ta ħarta.
JENNY
Tmissnix.
ALESSANDRO
Aħjar tiġi magħna.
JENNY
Nippreferi l-infern t' alla.
ALESSANDRO
We have to talk.
JENNY
I don't have to do anything you idiot. Get the fuck out of here.
ALESSANDRO
Ok. Ok. Ok Ok ok.
Alessandro, Salvatore u Virginia joħorġu. Wara pawsa.
XENA 14

MARISA
Se nitkellmu Jenny?
JENNY
Naf ħafna dwarek. U dak li ma nafx se nsibu.
Joey iqum u jimxi lejn Jenny. Marisa iżżommu.
MARISA
Joey! Jenny kull m'għandek tagħmel hu li tistaqsini. Staqsini u ngħidlek.

JENNY
M'għandix bżonnok.
MARISA
Minn mindu kont żgħira. Dejjem tigdeb.

Tant kont taf tigdeb li konna nemmnu kull kelma li kont tlissen, mingħajr l-ebda dubbju ta'xejn.
Il-gideb kont tobżqu ma kull nifs li kont tieħu. Ma stajniex inlaħqu miegħek. U taf x'hiex Jenny, taf meta żlaqt u waqajt fid-dwejjaq li tinsab fih? Meta bdejt temmen il- gideb tiegħek stess. Int ukoll issa ma tistax tagħraf is-sewwa mil-ħrejjef li toħloq. Miskina Jenny!

JENNY
U kull ma għedt seħħ!
MARISA
Qed tgħid li int profeta?
JOEY
Profeta ta sormi!
JENNY
Kull ma ngħid iseħħ. Kull ma nikteb iseħħ.

JOEY
Mela vera saħħara.
JENNY
Abrakadabra. Sir żrinġ. Puff. Qed tara, sar żrinġ.

Joey iħares madwaru. Jgħaddi idejh minn fuq wiċċu. Jenny tidħaq.

JENNY
Kemm intom faċli. Lkoll kemm intom.

MARISA
Imma għalhiex Jenny? Għalhiex int daqshekk imdejjqa?
JENNY
Jiena? Imdejjqa? I'm having the time of my life ruħi.
JOEY
Kulħadd jobgħodok.
JENNY
You're wrong sweetie.

MARISA
Ukoll dawk li jħobbu jaqrawk. Dawk ukoll jobgħoduk. Kliem t'ommok dawn.

JENNY
Ommi kienet tgħid ħafna affarijiet. Bħal per eżempju meta kienet tidħaq bik minn wara darek. Taf x'kienet tgħid fuqek? Li int tant kont fidila li ukoll li kieku kellha taħra f'idejk, kont tinżel għarkupptejk hu tirringrazzjha.
Ta' min insemmiha fuq il-blog din. Lesti ruħek biex tibla iż-żufjett ta'Alla w il Madonna..
JOEY
Bill-qalb kollha. Ikollna x'inċapsulhom ma ħalqhom.
MARISA
Joey. Qed tilagħbek.
JOEY
Tiġi sigħatek. Tibżax.
MARISA
Joey ieqaf.
JENNY
Isa. Obdi il mummy Joey boy.
MARISA
Joey mur ara fejn qiegħdin l- oħrajn. Ma nafdahomx weħidhom. Mur.
Joey ma jiċċaqlaqx.

XENA 15

MARISA
Mur Joey. Issa.

Joey joħroġ. Fl-aħħar Jenny tpoġġi. Iż-żewġ nisa flimkien.

MARISA
Jenny, irrispondini ħaġa waħda. Għalhiex dan kollu?. Għalfejn?

JENNY
(tinfaqa'. B'rabja)
Għax f'idejkom il ħajja tisfaxxa, issir komuni. Mingħajr valur, mingħajr kwalità. Issir irħisa. Se tniġġtsuna. Lilna, li aħna il kolonni ta dak kollu li jreġġaħ u jsawwar kull ma hu nobbli, ġenwin, sofistikat, dak kollu li jtellana il fuq mit-tajn li ħriġna minnu.
Tagħmlu kollox l istess, vulgari, bla sugu, bla sens. Se toqtluna bl- għajjat, u tqanżiħ, u l-għejra. U naf li ħuti se jċedu, se jinsew kollox, kull ma għamilna, kull ma saħħaħna. Kull ma bnejna. Meta kellkhom bżonn, għandna ġejtu tiġru, tittalbu u tibku.

Tħassarnikom, sqejnikom, tmajnikom, u għax ħallejnikom tidħlu f'darna, ħsibtu li sirtu bħalna. Dak hu li tridu, tixtiequ, titolbu. Li tkunu bħalna. Għamilna il-karità magħkom, u issa mis- sebgħa se tieħdu l id, u is sider u r-ras, u saqajn sakemm tgħamluna bħalkom. Mhux

jien. Jien qatt m'jien se nsir waħda minnkom. Se nwaqqafkom, se nġib kollox lura għal li kien. U intom se tagħrfu postkom u terġgħu għal li kontu.
Isservu, għax hekk biss kuntenti intom.

XENA 16

MARISA
Miskina Jenny.
JENNY
Le ta. Mintix se tlaħħaq miegħi. Ma tafx kif Marisa.

Jidħlu Joey u l-erba' ħbieb.
JENNY
Hawn huma, il-ħbieb tal-qalba. Dawn huma li se jgħinuk tiddeċiedi kif nqatta il-bqija ta'ħajti?
(iddur lejhom)
Imħatra li l-ebda wieħed minnkom qatt ma qara ktieb f'ħajtu.

Imħatra li kull ma rajtu mid-dinja huwa, Marsalforn, ta Pinu u forsi, forsi, il Vatikan.
KARMNI
Manwel ħadni Londra.
JENNY
Isa. Londra. Mort tara ir-Regina ħi?

KARMNI
(b'disprezz)
Ġiet tilqagħni l-airport.
JENNY
(tinfaqa tidħaq)
KARMNI
Bużnannui qala xeba' fis-sette Ġunju. Ġiet tiskuża ruħħa.
JENNY
Wieħed mill-imġewħin li marru jeħduha kontra l-imperu Ingliż, u wara tbeżbiża marru jibku il- martirju taż-żewġ boloh li ħadu li kien ħaqqhom.
Karmni timxi lejn Jenny, li tiqfilha. Joey iżommha lura.
KARMNI
Jien naf bl-Ingliż, ta. Naf x'isarrfu l-Ingliżi. In-nannu kien jgħidilna li trid taħdem magħhom biex tkun tafhom.
JENNY
U in-nannu sar jafhom għax kien jikinsilhom il-latrini! Min se jmerih?

Karmni terġa tipprova tersaq lejn Jenny, li ma tiċċaqlaqx. Joey jkompli jżommha

KARMNI
Le ma kienx jiknes latrini. In- nannu tilef siequ fuq il-kanuni f'Rikażli. Fejn kien nannuk?
JOEY
Internat fl-Affrika.

KARMNI
Ħaqq l-Ingliżi tiegħek u in-nejk ta bejn saqajk.
MARISA
Aqtagħha Karmni.
KARMNI
U mhux vera jew. Ġejja titnejjek b'nannui din?

PAWLU
Din mhux hekk biss taf tagħmel? Titnejjek bin-nies.
JOEY
(jdur lejha)
U issa wasal iż-żmien biex in-nies jitnejku bik. U ngħidhielek kif inhi. Se nitnejku bik waħda sew.
JENNY
Il-ħsieb biss li se jkollok aktar min għaxar euro fil-but jimlik b'kuraġġ hux Joey boy. Qed tħossok kuraġġuż hux? Issa hawn tiegħek.
Wara kollox issa tgħix go palazz. Diġà għażiltha kamartek? Imħatra li għażilt dik il-kbira fil-kantuniera li tagħti għal fuq il- ġnien. Hemm se tibda torqod? Mhux kbira wisq għalik? Akbar mil- gorboġ sħiħ li tgħix fih issa żgur. X'se tagħmel f'dik il-wesa' kollha? Forsi issa li qed ixxomm il-flus se taqsamha f'erba "Suites" u tikrihom bis-siegħa.
JOEY
Mhux hekk tgħid. B'discount għal min juża is-sodda fejn għamluk.
MARISA
Issa biżżejjed. Jenny mur. Nitkellmu.

JOEY
Hekk hu. Nsejħulek minn hawn u ftit ieħor. Biex ngħidulek eżattament kemm AĦNA naħsbu li jmissek, kemm AĦNA naħsbu li jistħoqlok. Kemm AĦNA lesti ntuk.

Issa jekk jogħġbok itlaq il barra minn dari għax għallavolja dal- palazz kbir mhux ħażin, qed inħossni ikkuppat bik hawn ġew.
MARISA
F'ġieħ kemm hemm Jenny. Mur. Mur lejn darek.

JENNY
(pawsa)
Din dari. U ser nerġa lura ma ndumx, biex inqalfatkom ilkoll il- barra. BARRA!
Jenny toħroġ.

XENA 17

L-ERBA ĦBIEB
Barra! Barra! Barra! Saħħiet. Għalaq il-bieb warajk. Meta trid ejja arana ta, il-bibien imsabbta f'wiċċek issibhom. Ciao.
Arrivederċi ta ħi. Bye bye. ETC

MARISA
ISKTU.

Kulħadd jissomma.
MARISA
Ma niflaħx nissaportih aktar id- dwejjaq. Nixorbuh ma kull nifs li nieħdu. Qisna ma nistgħux ngħixu mingħajru dan id-tgemgim. Xi dwejjaq. Nibżgħu nieqfu, li ma mmorux nduqu is-skiet.
KARMNI
Vera. Manwel tiegħi ma jieqafx igorr.

CIALLI
Santu Gemgem, il qaddis patrun ta Malta.

PAWLU
Mela qalibha lill San Pawl.
KARMNI
Ajma ma, mur għidlu hekk lil Micallef.

CIALLI
U ta' Għawdex ukoll..
LELI
Le dawk għandhom qaddis ieħor.
KARMNI
X'qaddis hu?
LELI
Santu Gemgem.
CIALLI
Dak li għadni kemm għedtlek jien!
LELI
Imma bl-Għawdxi jgħajjtulhu mod ieħor !

Kif.

PAWLU

JOEY

Is-Santu Gemgem.
L-erba' jisktu.
JOEY
Ma. X'se tagħmel
KARMNI
Mhux xi ħal fil-forn tgħid.
PAWLU
Imma mhux aħjar tqabbad avukat ngħid jien?

JOEY
Ma tistax. Xejn, din f'idejna. Ma nistgħux inqabbdu avukati. Hekk ħalliet fit testment.
MARISA
Joey.
JOEY
Aħna niddeċiedu.
MARISA

Joey F'idejna.

JOEY

MARISA
F'idejja. Ħalliet kollox f'idejja. Mhux f'idejkom. F'idejja.
Kulħadd iħares lejha.
JOEY
Kollox sew. F'idejk. X'beħsiebek tagħmel?

MARISA
Ma nistax ngħaġġel. Irrid naħsibha. Sew.
Din..din...mhux faċli.
JOEY
Imma mhux għalhekk qiegħdin hawn aħna?

CIALLI
Istra tgħidlix li diġà nsejtna.
KARMNI
Għedtu jien!
MARISA
X'għedt Karmni?
KARMNI
U mhux vera! Ngħidlek ta, għax minn mindu neħħew lil-Joseph, kollox għal għajnu Mar!
MARISA
X'għandu x'jaqsam?

PAWLU
Għandek tgħid kulħadd l-istess.
LELI
Kulħadd.
CIALLI
Mela għalfejn sejjaħtilna.
MARISA
Joey sejħilkom, mhux jien.
CIALLI
Insietna!
MARISA
MA NSEJT XEJN!

JOEY
Tridna nħalluk waħdek fiha din?
MARISA
Mhux hekk qed ngħid.
JOEY
Mela x'int tgħid?
MARISA
Jien lis-sinjura Giovanna nafha. Kont nafha. Kont nafha sew. Qatt ma għamlet xejn bla skop. Irrid nifhem x'kien l-iskop tagħha.
X'riedet tgħid bih dak it- testment?

JOEY
Mhux hawn qiegħdha ma. Midfuna. Mhix ġejja lura biex tgħidlek. Għalhekk ħalliet kollox bill-miktub. Xi trid aktar? Ħallietlek ir-riedni f'idejk. Issa tkunx ċuċ u tħalli kollox jisfaxxa fix-xejn. Ejja naraw kif nagħmlu sold.
KARMNI

U mela. U mela. U mela.
...OK.

PAWLU CIALLI LELI MARISA

Isimgħuni. Ir-riedni f'idejja. Kollox sew. Mela mmexxi. Imma hawn għandna...għandi opportunita għal xi ħaġa aħjar. Xi ħaġa li is- Sinjura Giovanna riedet li jsir.
Kien x'kien ndunat li ulieda qatt ma setgħu jwettqu dak li kellha f'moħħa.

JOEY
(jibda jitlef il- paċenzja)
U x'kien dan ta ġo moħħa? Taf x'kien?

MARISA
Riditni nġiegħel lill ulieda... jagħmlu dak kollu li qatt ma kienu se jagħmlu.
Silenzju. Kulħadd iċċassat lejha.
KARMNI

Boq!
PAWLU
Jien ma nista nifhem xejn.
CIALLI
Mintix f'tiegħek Marisa.
JOEY
MA!
MARISA
Kieku ħallietilhom kollox kienu jieħdu sehemhom u jitilqu għal rashom. Għalhekk ħalliet kollox f'idi. Tridni inżommhomlha flimkien. Tridni nġiegħlhom jaħdmu flimkien għal ġid ta kulħadd.
JOEY
Għal ġid ta' min?
MARISA
Ta kulħadd.
LELI
(qisu jifhem)
Ahhh! Qed nifhem!
JOEY
(irrabjat)
Ta' kulħadd min? Tagħna? Tagħhom? Ta' min?

MARISA
Għal ġid ta'... ta' Malta.
JOEY
Qed tiċċajta.
MARISA
Le ta, m'inix.
JOEY
Qed tiċċajta.

MARISA
Anzi. Serjissima.
JOEY
Mela allura tlift il-boxxli ta moħħok.

KARMNI
Nagħmlulek karta.
PAWLU
Din isbaħ mill-oħra.
CIALLI
U ġieżu ġież.
LELI
Għal Maltin kollha. Malta Tagħna lkoll.

MARISA

Isimgħuni. Għandna opportunita. Le. Nerġa. GĦANDI opportunita u irrid lilkom tgħinuni nwettaqha. Jekk tgħinuni allura iva, l- opportunita issir tagħna. Sewwa għedt Lel. Tagħna lkoll!
Inġiegħluhom jieħdu responsabbiltà tal-ġid li se jmisshom. M'aħniex se inħalluhom jisparpaljaw kollox fix-xejn.

JOEY
Tridhom jagħtu kollox lil tal Karità?

KARMNI
Puttinu Cares.
PAWLU
L-istrina.
CIALLI
Il-missjoni.
LELI

Lili

(dejjem b'tiċrita f'ħalqu. Qed jieħu gost)

JOEY
Jekk riedet tagħti kollox lil tal- karità allura kienet tiktbu fit- testment. Għalfejn dawn il-bużullotti kolla?
LELI
Bużullotti. Naf wieħed kienu jsejħulu -

Aqtagħha.
Leli jsir kobba.

L-OĦRAJN

MARISA

Riedet issalvhom.
JOEY
Minn x'hiex?
MARISA
Minnhom nfushom.
JOEY
Qed titlef ma. Le. Le mhux qed titlef. Ġa ntlift u għebt u ħallejtna għal kollox ta'kollox.

LELI
Amen!
MARISA

Skiet.

Għall-ewwel darba f'ħajjithom se jkollhom jbaxxu rashom. Se jkollhom jisimgħu leħen ieħor. Mhux tal-qrati, għax dawk sħabhom, u dawk jagħmlu biss dak li jgħidulhom l-aħwa. Imma miegħi.
Miegħi se jkollhom jisimgħuni. Għalhekk ma riditx l-avukati jidħlu fin-nofs. Ħalli il-leħen jkun tiegħi, tiegħi biss, tagħha.

LELI
(iċapċap)
PAWLU
Jiġifieri mintix se taħseb fina? Xejn għalina?

CIALLI
Se tħallina hekk? Lampa stampa?
KARMNI
Għedtu jien.
JOEY
Le ta. Mhux se nħallik.
MARISA
Kif?
JOEY
Issa jmiss lilna ma. Lilna. Wara li ilna ħajjitna kollha nservuhom, naħslulhom, insajrulhom, ngħaddulhom, issa jmiss lilna biex nerdawhom b'kemm nifilħu biex inpattulhom ta' kemm żammewna taħthom, ibossu f'wiċċna. Issa fl- aħħar wasal il-waqt biex nisolhuhom sakemm jaħraw id-demm minn sormhom.
Marisa tqum u timxi lejn Joey.
MARISA
Mur sejħilhom. Irrid inkellimhom. Weħidhom.

JOEY
Ma, m'inix se nħallik tarmi kollox il-baħar. Nitolbok Ma.
MARISA

(b'awtorità)
Sejħilhom Joey.
Marisa toħroġ. Wara pawsa l-erba jinġabru madwar Joey.
XENA 18

U issa?

PAWLU

CIALLI

Se nibqgħu b'xejn.
KARMNI
Għedtu jien.
LELI
Jien m'għedt xejn.

PAWLU
Joey se tagħmel xi ħaġa hux?
CIALLI
Tħallihiex Joey ta.
KARMNI
Dejjem hekk nafha jien.
JOEY
(bl-herra)
Dejjem hekk kif. Dik Ommi.
KARMNI
U le jaħasra, ma ridt ngħid xejn.
PAWLU
Imma taqbel li mhux f'sensiha hux?
JOEY
Le, ma naqbilx.
PAWLU
Qed taqbel magħha allura?
JOEY
Ommi.
CIALLI
Waqa' l-għass.
JOEY
(jdur lejh)
Hekk taħseb? Hekk taħseb Cialli?
CIALLI
Taf x'naf ngħid? Li meta kellha bżonn ommok dejjem għanda ġiet. U issa li messa l-flus mill-ewwel insietna lilna.
JOEY

Meta ġiet għandkom ommi? Anzi, dejjem intom ġejtu għandha biex tislifkom. U kemm ħallastuha lura? U kemm il-darba ġiet tiġri warajkom biex tħallsuha lura?
Qatt. Kemm għandek ittiha? Int Karmni. Kemm għandek ittiha.
Cialli, għad baqagħlek ittiha fuq id-downpayment għal karozza.

Qdietkom kif setgħet u ma bżajtux tistaqsuha, għax kienet taqla iżjed minnkom. U hi, hi qatt ma qaltilkom le.

LELI
Marisa qalbha tad-deheb. Ħobża u sardina. Pasta frolla. Qubbajt tal- festa. Ġelat tal-frawli. Ħobża biż- żejt u t-tadam.
L-OĦRAJN
Aqtagħha.
Jerġa kobba.
JOEY
Itilquli l-barra.
Ma jiċċaqalqux.

Barra.

JOEY

PAWLU

Int bis-serjetà?
CIALLI
Int sejjaħtilna.
KARMNI
Dawn bċejjeċ.
JOEY
BARRA.
LELI
Barra. Tal bużullotti kien jgħid hekk. Barra!

It-tlieta l-oħra jaqbdu lill-Leli u joħorġu il-barra. Joey waħdu.
XENA 19
Tidħol Giovanna. Tieqaf ħdejn Joey
GIOVANNA
U hawn fejn nerġa nidħol jiena. Issa niġi għal-Joey, imma l-ewwel irrid inżid ma dak li diġà għedtilkom. Ma nafx kemm naqbel ma Marisa.

Ir-raġuni l-għala fassalt dak il- wirt kif fassaltu hija ħafna aktar sempliċi minn kif iddiskrivietu Marisa. Ir-raġuni aħħarija tiegħi kienet... kienet... kemm nixtieq li Marisa għandha raġun! Kemm nixtieq ngħidilkom li għamilt dak li għamilt għal ġid tal-umanità, tal-Maltin, għal ġid ta'uliedi.

Jekk nigdeb u ngħidilkom li Marisa għandha raġun, temmnuni u, minjaf, il-karattru sfaċċat li rajtu fija, jikseb xi ftit mogħdrija.
Titħassruni u tħennu għalija u fl- aħħar tikkumpatuni xi ftit....
Ħaġa ngħidilkom....ARA MA JFETLILKOMX! M'għandi bżonn l-ebda mogħdrija. L-ebda ħniena. Għamilt dak li għamilt għax hekk ridt nagħmel, u għax... kemm nixtieq li Marisa għandha raġun.
(tbiddel kompletament)
Tridu nilgħabu logħba? Inwissikom. Din il-logħba se tfottilkom xi ftit il-konċentrazzjoni. Imma ejjew miegħi. Se tkun interessanti. Kollox sew. Mela
(iddur lejn Joey, tgħolli idejha fuq rasha w iċċapċap)
Joey!
Dawl stramb. Dawl ta'logħba.
JOEY
Is-sinjura Giovanna.
GIOVANNA
Nsejt inpoġġik fuq il-lista.
JOEY
Qed tara kemm jien ixxurtjat.
GIOVANNA
Joey niftakrek żgħir. Marisa kienet iġġibek magħha u jien kont ninżel nilgħab miegħek fil-ġnien waqt hi kienet tkun qed taqdi il- faċendi. Qattajt aktar żmien miegħek milli qatt qattajt ma uliedi. Taf għalhiex?

JOEY
Imħatra se tgħidli.
GIOVANNA
Minħabba li fik indunajt b'ħażen rari. Dak il-kwalità ta' ħażen li jista' jogħla u jogħla l-fuq u jaħkem kull ma jsib taħtu. Kull ma għandek bżonn biex twettaq il- ħażen marbut ma kull nitfa ta ruħek, hija dik l-opportunita, dik l-ewwel imbottatura li tgħinek tagħmel dik l-ewwel qabża l-fuq. U ġaladarba taqbeż, ma jkun jista' jżommok ħadd. Wisq nibża' li tajtilek jien dik l-imbottatura. U issa Joey, qed nitolbok taħfirli.
JOEY
Naħfirlek talli għentni?
GIOVANNA
Taħfirli talli għentek issir...issir bħali.
JOEY
U għalhiex għandu jiddispjaċini? Jekk se nsir sinjurun, bħal ma kont it, allura aktar għandi għalfejn nirringrazzjak milli naħfirlek.

GIOVANNA
Se togħla il-fuq Joey. Se taħkem, bħal ma ħakem Joey l-ieħor. Imma x'jien ngħid. Int u hu l-istess.
JOEY
(dwar l-udjenza)
Mhu qed jifhmu xejn.
GIOVANNA
L-istess sitwazzjoni. Dramm differenti.

JOEY
Għalhekk qed nilgħabuha din il- logħba? Biex inħawdulhom moħħhom?
GIOVANNA
Le. Hemm raġuni oħra. Imma qabel ma ngħidlek il vera raġuni, Irridek tgħidli, tgħidilhom, x'inhu dak li jqanqlek.

X'inhu Dak li jġiegħlek tagħmel dak kollu li se tagħmel.
JOEY
Mhux fair. Jien ma nafx x'se ngħaddi minnu.
GIOVANNA
Kollox sew.
(iċċapċap idejha fuq rasha, u tordna)
Issa taf.
JOEY
Naf kollox?
GIOVANNA
Kważi kollox. Is-sorpriża ta l- aħħar se nħalliha... għall-aħħar.
(terġa iċċapċap)
JOEY
(pawsa, isir jaf!)
Ma togħġobni xejn din il-logħba.
GIOVANNA
Għalhiex se tagħmel dak li se tagħmel Joey?

JOEY
Għax nobgħodkom. Għax ma nistgħax nġerraħkom. L-istess kif Jenny tħares lejna imma bil-maqlub. Ftit hemm differenza bejni u bejnha.
GIOVANNA
Anqas int stess ma taf kemm tixxibħu.

JOEY
Nħares lejkom, u nitqalla.
GIOVANNA
Lejna min? Għal min qed tgħid?
JOEY
Lejkom. Kull min hu bħalkom. Il- puliti, kollha tbissim u manjieri tajba. Toqtluna bil-manjieri tajba. Il-qżiżati ma jieqfu qatt. Lesti tilagħqu sorm il-barrani basta ma tidhrux magħna.

Talli nħossni inqas minnkom, talli ma nistax inlaħħaq magħkom, talli in-nisa tagħkom jistkerħuni, talli ma nifhimx kelma li tgħidu, b'dik il-kantaliena li suppost turi lid- dinja kemm tafu, kemm intom sofistikati. Talli iġġgħieluni nistmerr lill -sħabi, lil ġensi, għax kull fejn tkunu, ma min tkunu, ma tagħmlu xejn ħlief iżżebilħuna. Talli qatt ma ridtu tkunu minna, imma dejjem xi ħaġa oħra, lil hinn minna, u talli qatt ma tistgħu tkunu xejn, għax ukoll il-barrani, narah jidħaq bikom, jidħaq bill-preżunzjoni tagħkom, bit-tgħawwiġ ta ħalqkom, bl-intiena ta ruħkom, mingħajr xbieha ta xejn, waqt li tippretendu li tiddu bl-għarfien is-sema. Talli meta il-barrani imaqdarkom, nħossni li rrid nifgaw, għax kien qed iżeblaħ Malti, bħali.

GIOVANNA
Mn'alla li din logħba għax kieku żgur li ħadd minnhom ma kien se jemmnek.

JOEY
Nies bħali dejjem qalgħuha f'sormhom, jiġru l-hemm u l-hawn, iservukom u jiġġieldu bejniethom għaċ-ċiċri li jaqgħu mil-mejda tagħkom. M'inix daqshekk iblah li nemmen li dan qatt se jinbidel.
Naf x'għandu jsir.
GIOVANNA
U x'għandu jsir Joey.
JOEY
Nitgħallem il-logħba tagħkom u nilgħabha aħjar minnkom.
GIOVANNA
Issir bħalna.
JOEY
Qatt. Imma se nfottikom waqt li nilgħab il-logħba tagħkom. Bħal ma qiegħdin nagħmlu hawn. Nilgħabu din il-logħba, u hawn arani.

Nitkellem miegħek mingħajr l-ebda żobb ta' rispett, l-ebda biża, l- ebda bżonn li ninżel għarkopptejja u nirringrazzja lill- Alla ħanin talli għoġbu jindenjak tħares lejja.

GIOVANNA
Ntik parir Joey. Mhux se jirnexxilek tagħmlu dan qabel ma tinża dik ir-rabja. Qed ittaqlek wisq u mhix se tħallik taqbeż.
JOEY
Ftakar x'għedt. Ġaladarba naqbeż, ħadd mhu se jkun jista' iżżomni.
GIOVANNA
Ħadd.
JOEY
Lanqas dik il-qaħba Jenny. Wisq anqas dik il-qaħba Jenny.
GIOVANNA
Daqshekk f'għajnek Jenny?
JOEY
F'sormi. Imma għad nfottiha waħda sew. Dalwaqt. Dik se tkun logħba mill-aqwa.

GIOVANNA
Taf hux Joey, li intom it- tnejn...aħwa.

Pawsa twila twila. Effetti tal-ħoss. Dawl. Kollox b'tonalita irrispettabbli, sarkastika.
JOEY
(jinħasad)
X'inhu?
GIOVANNA
Missierek. Ir-raġel tiegħi, stupra lill Marisa. Ftit qabel ma miet.
Ħallasniha biex iżżomm ħalqha magħluq. Riedet iżżommok u żammitek. U aħna żammejna lilha, u lilek.

JOEY
Ma rridx nilgħabha aktar din il- logħba.

GIOVANNA
Għalhiex? Mintix tieħu gost.
JOEY
Le. Irrid nieqaf.
GIOVANNA
Hekk kif nieqfu nilgħabuha din il- logħba, int m'int se tiftakar xejn minn dak li għedna hawn. Għax wara kollox din mhi xejn ħlief logħba, aktar għalihom
(l-udjenza)
milli għalik Joey.
JOEY
Mhux minnu, dak li għedtli. Hux vera mhux minnu?
GIOVANNA
Logħba Joey.
JOEY
Kollox sew logħba, imma għidli li mhux minnu.

GIOVANNA
Missierek qatt ma sar jaf xejn Joey. Int ibnu... Se tkun taf kollox meta, meta jinkixef kollox.
JOEY
X'jinkixef?
GIOVANNA
Kollox Joey. Illum jew għada, kollox jinkixef. Dalwaqt isibuh u jaqrawh.

JOEY
X'isibu? Min? X'jaqraw? M'inix nifhem.

GIOVANNA
M'hemmx għalfejn tifhem.
JOEY
Din logħba vera mnejka. Ma togħġobni xejn.
GIOVANNA
F'kull logħba hemm ir-rebbieħ u hemm it-tellief. Din id-darba ma rbaħtx Joey.

JOEY
Ma rridx nilgħab aktar. Daqshekk.
Giovanna iċċapċap u il-logħba tispiċċa. Dawl normali. Joey jerġa għalli kien. Iħares madwaru, u joħroġ. Bilmod, mingħajr għaġġla.
XENA 20
GIOVANNA
Tħobbuh dan il-logħob? Tridu jew ma tridux nqattgħu għomorna fih, mingħajr l-ebda idea aħniex tabilħaqq nirbħu jew nitilfu. Bħal Joey. Bħal Ġuda. Dik kienet logħba fuq il-logħob kollu. Domanda.

Skont intom, Ġuda ħati jew le? Jekk il-Mulej kien jaf li kien se jittradih, għalhiex ħallieh jagħmel dak li għamel. U jekk meta Ġuda għamel dak li għamel, seħħ il- pjan Divin, jiġifieri ikkawża is- salvazzjoni tagħna lkoll, għalhiex nistmerruh daqshekk lil Ġuda?
Imissna nirringrazzjawh le? Imma tgħid, għamel li għamel għax kien jaf x'kien qed jagħmel, jew dik ukoll kienet logħba? Logħba divina,
(tiżżufjetta)
mnaqqxa fil-profeziji tal antik!! Ara, daqshekk prietki. Issa ejja nkomplu għax dalwaqt se jsir il- ħin. Ix-xeni li jmiss huma kollha kemm huma dwar id-dilemma ta'Ġuda.

Waqt il- monologu li ġej, Jenny tidħol u tmur lejn l- iskrivanija. Giovanna tiftħilha il-kexxun. Xejn. Giovanna toħroġ id-djarju mill-kexxun u tpoġġih ħdejn Jenny li ma tinduna b'xejn minn dak li qed isir. Giovanna, frustrata għax Jenny mhix qed tilqa is-sinjali ,li qed ittiha, tiftaħ id-djarju. Fl-aħħar Jenny tinduna bih u taqra.
Tinteressa ruħha. Wara ftit, u qabel ma Giovanna tispiċċa il-monologu dwar Ġuda, Jenny tiġri il-barra

GIOVANNA
U hekk kif Kristu qasam il-ħobża u taha lil Ġuda u qallu biex jeħles jagħmel dak li kellu jagħmel hekk jien se ngħin lil binti tagħmel dak li għandha tagħmel, mhux skont profeziji tal-antik, imma aktar skont dak li għandu bżonn isir illum. Fi kliem ieħor; biex inħaffef id-destin, biex tibda il- bidla, il-bidla li se tqarribna..., tqarribhom, lejn ġejjini..., ġejjini mimli ward u żgħar, ġejjini mimli tibdil u tfassil li forsi, forsi jista' joħroġhom mill-għanqbut li ilna, ilhom, mkeffnin fih...
Hawn fejn Jenny titlaq tiġri il-barra.
Ftakru li il-ħajja tibda biss qalb id-demm, l-uġigħ w it-twerżieq.
Hemm hu meta tintlagħab l-ewwel logħba. U issa se nkomplu. Lesti? Nilagħbu?
XENA 21
Minn taħt il-palk jitilgħu Pawlu, Cialli, Karmni u Leli fuq naħa u Alessandro, Virginia u Salvatore fuq in naħa l- oħra.

GIOVANNA
Il-parti favorita tiegħi din.
Marisa U Joey jidħlu fis salott. Hi tpoġġi fil-ġenb. Joey bilwieqfa ħdejha. Jenny Tidħol u tersaq lejn in-nofs.
GIOVANNA
Tajjeb kulħadd hawn. Għal xi wħud minnkom, dan li ġej jista' jkun sensittiv wisq... Għalabieb għajni. Dak kollu li ridt jiġri qed jiġri. Se nistrieħ.

Karmni tiġri lejn Salvatore, Pawlu lejn Alessandro u iċ- Cialli lejn Virginia.

GIOVANNA
Mela, Wieħed, tnejn, tlieta!

KARMNI/PAWLU/CIALLI
Jiena kull ma nixtieq nagħmel, li ngħin, xejn aktar.
ALESSANDRO/SALVATORE
Grazzi.

VIRGINIA
Thank you. So kind.
KARMNI
(lil Salvatore)
Jiena oħti dejjem semgħet minni. Dejjem parir tajjeb tajtha. U ngħidhielek ta, hi dejjem semgħet minni.

PAWLU
(lil Alessandro)
Lill-Marisa nafha. Minn mindu konna żgħar. Konna nilgħabu flimkien. U ngħidlek ta', dik lili riedet tiżżewweġ.
CIALLI
(lil Virginia)
Marisa tibża. Tant għandha qalba tajba li xi kultant tippreferi ma tagħmel xejn milli tweġġa lill- dak li jkun. Għandha bżonn l- għajnuna ta' min jaf jifhimha. U jekk hemm xi ħadd li jifhimha, dak ix-xi ħadd qiegħed quddiemek.
Marisa u Joey
MARISA
Naf eżattament x'għandi nagħmel Joey.

JOEY
Ma, nitolbok, tfottix kollox.
Leli jiġri lejn Jenny.
LELI
Marisa ħabiba tiegħi.
Jenny tħares lejħ. Leli jistħi u jiġri lura ħdejn Karmni.
KARMNI/PAWLU/CIALLI
Nista naqdik f'xi ħaġa?

SALVATORE
(lil Karmni)
Iva ta. Nistgħu...naħdmu flimkien jekk trid.

ALESSANDRO
(lil Pawlu)
Taf li dak kont qed naħseb.
VIRGINIA
(Liċ-Cialli)
Il-my how perceptive. So Kind of you. Thank you.
Marisa u Joey
MARISA
Se naqsam il wirt f-erba porzjonijiet. Wieħed akbar mill- ieħor. Min iwiegħdni li jagħmel l-aktar ġid intih l-akbar porzjoni. It-tieni l-aqwa jieħu it-tieni porzjon, it-tielet l-aqwa it- tielet u l-għar proposta tirċievi l-anqas. X'taħseb?
JOEY
(irrabjat)
Int ta' min jaqflek.

Kulħadd jitkellem u jirrispondi ma min rajniħ qabel.
JENNY
Nisħtek b'kull loqma ta'ruħi ma.
Pawlu u Alessandro
PAWLU
Kif għedtlek. Nistgħu ngħinu lil- xulxin. Kif trid int insomma.
ALESSANDRO
Għidli, għidli ħabib. Jien dejjem lest nikkoopera ma kull min irid il-ġid.
Cialli u Virginia
CIALLI
Ara jien, jekk twegħidni li taħseb fiha, jien lest nidħol għalik.

VIRGINIA
Look, we cannot allow the traditions, the art, the culture of this country to be trodden by ugly unwashed feet, trampling on our national consciousness as if it was nothing but a banda day or purċissjoni of the Easter. We have to make sure that class, discerning sophisticated taste and scholarship trumps crassness and vile populist trash. God Forbid. In their hands Wenzu w Rożi will be considered as national literary figures and their awful għana as our national musical heritage....my God! The mind boggles.

CIALLI
(ma fehem xejn)
....eh....dażgur...dażgur
Karmni u Salvatore
KARMNI
Imma stenna jekk int se tibni trid twiegħedni li mhux kif joħroġlok il-permess umbagħad tinsewni ta.
Ħeqq. Mhux hekk ġbin.
SALVATORE
Ara, kull ma trid tagħmel hu li tikkonvinċiha li il-proġett se jkun ta ġid għal kulħadd.
KARMNI
U iva dak ftehemna. Imma umbagħad mhux iddaħħalli xi sensar ieħor minnfloki, hux hekk.
Leli jerġa jersaq lejn Jenny.
LELI
Sinjorina Jenny.
JENNY

WHAT

Għax, għax WHAAAAT

LELI JENNY

LELI
Għax ħa ngħidlek. Għax kulħadd qiegħed jiftiehem u għedt forsi ta' min niftehmu jien u int ukoll.

JENNY
Nippreferi ndaħħal sikkina f’sidri erba’ darbiet wara xulxin milli niftiehem miegħek.
Leli jdur biex iħaffef jitlaq.
JENNY

Leli jdur

Stenna.

JENNY

X’qed jiftiehmu?
Marisa u Joey
MARISA
Għalhiex ma nistgħux naħdmu flimkien? Ngħixu flimkien? Minn ħaqqu jieħu li ħaqqu. Min ma ħaqqux ma jieħux.
JOEY
Maaaaa! L-affarijiet ma jmorrux hekk. Trid taħxi inkella jaħxuk. Hekk biss jafu. Mhux hekk mxew magħna. Nimxu magħhom l-istess.
MARISA
U kulħadd jibqa' fejn kien.
JOEY
Le ma, għal darba, għal darba, nkunu aħna minn fuq.
LELI
(lil Jenny)
Għax..., issa mhux se tmur tikxifni hux?. Għax Pawlu qed ikellem lis-sur Alessandro.
Pawlu u Alessandro
PAWLU
Mela ftehemna.
ALESSANDRO
Int żgur li se ittik widen?

PAWLU
Biex ngħidlek il-verità Sur Alessandro, il-Mara injoranta pesta, taħseb li saret il-verġni Madonna. Ħalli f’idi u tara kif int se toħroġ l-aħjar.
JENNY
(lil-Alessandro)
Ġakbin. Ġakbin mqadded. Imdawra b’ġakbini u erwieħ imġewħa. Qed tarmina ja viljakk.
LELI
(lil Jenny)
Hekk qallu. Imma iċ-Cialli dejjem mas-Sinjura Virginia jkun.
Cialli u Virginia
CIALLI

Mela ftehemna.
VIRGINIA
Ruħi. Se ssalvana lkoll kemm aħna. Malta. Malta se tibqa tafulek.
CIALLI
Biex ngħidlek il-verità Sinjura Virginia, il-Mara injoranta pesta, taħseb li saret il-verġni Madonna. Ħalli f'idi u tara kif int se toħroġ l-aħjar.
Jenny u Leli
JENNY
(lil Virginia)
Nispera li tgħix sakemm tkun tista' ixxomm lil-ġismek jitmermer.

LELI
Hekk qaltlu ta'. Emminni. Jien ma nigdibx. Fuq ruħ ommi l-għażiża. Mur ġibek tisma lill Karmni, dik oħtha.
Karmni u Salvatore

KARMNI
Biex ngħidlek il-verità Sur Salvatore, il-Mara injoranta pesta, taħseb li saret il-verġni Madonna. Ħalli f'idi u tara kif int se toħroġ l-aħjar.
SALVATORE
Ma tantx se tieħu ġost oħtok.
KARMNI
Inti ħalli f'idi.
SALVATORE
Ok. Ok ta. OK. Kollox sew mela. Ok.

JENNY
(twerżaq)
BASTARDS!
Kulħadd jieqaf, kulħadd issa jħares lejn Jenny. Kulħadd konxju ta'kulħadd.
PAWSA TWILA.
GIOVANNA
(lil udjenza)
U dan hu li ġejna għalih illum. Ilu ġej. Minn żmien żemżem. Kollox jipponta għal hawn, għal dan il- mument, kif aħna. U għada, ix-xemx se titla kif dejjem telgħet, u se ssib kollox mibdul. Kollox.
JENNY
(fin-nofs tal-palk)
Din mhi xejn ħlief bestjalita'. Oxxenita. Fuckin bullshit!
(toħroġ id-djarju - tiftħu)

Ġenn!

GIOVANNA

JENNY

F'dan id-djarju ommi kitbet mhux biss il-memorji tagħha imma wkoll id-dnubiet li twettqu f'isimna, li wettaqna, u ħruġ il-għaġeb, se nwettqu.

SALVATORE
Kienet profeta wkoll?

Ċuċati.

ALESSANDRO

JENNY

Trid naqralek Alessandro?
ALESSANDRO
Kemm tiflaħ taqa' għan-nejk.
JENNY
Mela naqralek.
Alessandro jmur biex jaħtaf il-ktieb. Jenny ma tħallihx.
JENNY
Dan ma jmissu ħadd ħlief jiena.
ALESSANDRO
(irrabjat sew)
Dażgur li ma jmissu ħadd, għax taf li m'hemm xejn. Is-soltu. Gideb.
Tivvinta minn żniedek. Xi ħsibtna? Il-qarrejja tal-blog tiegħek?
Joey jinħasad.
JOEY
(jiftakar)
X'hemm miktub?
JENNY
Kollox. Hawn, ara.
(taqra)
Il-familja tiegħi minn dejjem kienet, għadha u se tibqa -
VIRGINIA
Le ma rridx. I don't want to hear.
SALVATORE
Why not? This should be fun. Aqra. Aqra kollox.

ALESSANDRO
Kull kelma li se toħroġ minn fommha mhi xejn ħlief gideb.
JENNY
(tqalleb il-faċċati, taqra)
Minn mindu twieled Alessandro ma rajt xejn ħlief għajb. Giegħelni nistmerru ukoll meta kien tarbija.

Qattali sidri. Jaqla f'wiċċi kull darba li poġġewh f'diragħajja.
ALESSANDRO
Ieqaf.
JENNY
(tqalleb il-paġni)
Hawn ta. Taf x'hawn. Isma din mela.
(taqra)
Ta'Londra se jgħalluh. Issa li ma jistax jeħles minnhom u se jkollu jitqanna bihom. Nispera li ma nkunx ħajja meta jeħilsu minnu. Se tkun kerha. U ma rridx jkolli nintriga bid-dwejjaq li se ġġib mewtu. Għalhekk ħallast lill Freddie Grima dawk il-flus kollha, biex jikkonvinċi lir-Russi biex jistennew, jistennew sakemm imparpar umbagħad jagħmlu li jridu.

ALESSANDRO
(irrabjat sew)
Qed tigdeb. Mhux vera.
Alessandro jipprova jerġa jisirqilha il-ktieb imma hi tiżgiċċa.

JENNY
Il-blogg li jmiss kollha kemm hi dwarek u dan Freddi Grima. Ili nħuf, u dawn il-paġni issa huma l- aħħar musmar fit-tebut li se jidfnuk ħaj fih.
(lil kulħadd)
Tafu min hu Freddie Grima, le? King of Soho, hekk isejħulhu issa li qiegħed id fid mall-Mafja Russa. Kemm nagħfas il-buttuna fuq il-laptop u kollox itir mas-seba' sema. Scotland Yard se jsemmu sala għalija!

ALESSANDRO
Ma tafx ma min qed tilgħabha, ċuċ.
JENNY
Miegħek. U int ma tbeżżagħnix. La int u hadd aktar.

ALESSANDRO
Taħseb li din logħba. Taħseb li hawn ma jista' ħadd għalik. Li hawn tinsab imdawra mill-anġli tas- sema. Għandek żball oħt. Attenta.
Attenta. Dan il-logħob ma tafx tilgħabu.

JENNY
Imma int taf kif tħobbu dan il- logħob le?

JOEY
Logħob? Din logħba?
JENNY
Niġi għalik ukoll Joey. Stenna wara min imissek.
ALESSANDRO
Xi trid? Xi trid minn għandi.
JENNY
(turi lil Pawlu)
Xi ftiehemt ma dak?

ALESSANDRO
Għalhekk dan kollu? Qed tilgħab man-nar minħabba dak? DAK?
JENNY
(lil Pawlu)
Għidlu. Għidlu li m'hemm xejn minn dak li wiegħdtu.
PAWLU
Oj Oj Oj. Ara jien m'għandix x'naqsam ta. Jien m'għandi x'naqsam xejn.
KARMNI
X'għamilt Pawl?
CIALLI
Mort bieghitna? Bħal Ġuda?
PAWLU
Jien tlaqt.
CIALLI
Oqgħod hemm. Ara ma tiċċaqlaqx min hemm. X'mort ftiehemt miegħu?

Virginia.

JENNY

VIRGINIA

No no. I don't want to hear this.
JENNY
(taqra)
Do you know she paid off Michael, Neil, Fabrizio and Ben? It's what she wrote. Here. Do you want to see it?

VIRGINIA
It's not true. It's not true.
JENNY
Skultur modern. Żeffien modern. Kittieb modern. U pittur modern. Kollha moderni kienu. Kellhom ħaġa oħra komuni bejniethom. Is- sifilide. Kollha kemm huma minn għandek qabduha.
VIRGINIA
What? What.
JENNY
U minflok marru jirrapportaw, ommi għamlet dak li kienet taf tagħmel ħajjitha kollha. Xtrat is-silenzju u kollox baqa' miexi l-quddiem bl- inqas kjass possibbli. Hawn ara trid tara x'kitbet aktar?

Virginia tqum biex tara imma Jenny timbottha lura. Iddur lejn iċ-Cialli.

JENNY
Qed tara ma min qed tipprova tiżżattat hux Cialli.
CIALLI

Niżżattat? Jien? Ma dik?
JENNY
(f'wiċċ Virginia)
You fucking whore. X'wiegħdtu lil dan-
(Cialli)
-il-ħanżir. Ftaħtlu saqajk ukoll?? Ma dan?

CIALLI
Ħey, ara x'int tgħid ta għax ħaqq għal qaddisin fis sema...
PAWLU
Eh jiġifieri int Ġuda wkoll allura?

CIALLI
Ara x'int tgħid Pawl.
JENNY
Xi ħlew hux? Min hawn u ftit ieħor se narawhom iqattgħu lil xulxin.
Dalwaqt. Fadal.
(iddur lejn salvatore)
Saaaaal!
SALVATORE
Stenna stenna, qabel ma tibda tivvinta fuqi. Kull ma hemm kollu veru. Niġi naqa u nqum. U veru, Karmni kienet li se taqbeż għalija ma Marisa.

JENNY
(iddur lejn Marisa)
L-erba' li huma Marisa. Kollha kemm huma jikkonfoffaw ma ħuti kontrik. Ġrieden moqżieża ta' l- art. Raw sold u kibru. Ġrew wara ħuti bħal lpup imġewħa. Jgħinu, jittalbu, basta jfottu lil xulxin, u lilek.

KARMNI
(lil Marisa)
X'ridtna nagħmlu? Mhux kulħadd irid jaqla sold? Int ġietek ix- xoqqa f'moxta u mill-ewwel warrabtna. X'ridtna nagħmlu?
PAWLU
Min hu il-Ġuda eh. Min hu Ġuda?
MARISA
U int Leli?
LELI
Jiena?

MARISA
Int ukoll?
JENNY
Leli ma jgħoddx. Ġie għandi għax ma setax ilaħħaq ma l-oħrajn. Hux vera Leli? Miskin. Ridt tilgħab il- logħba u ħrajt barra il-vaż.
MARISA
Itilqu il-barra. Lkoll kemm intom. Barra.

JENNY
Stenna. Stenna Marisa. Tgħaġġilx.
(turi id-djarju)
Paġni fuq paġni dwarek,
(iddawwar il-paġni)
Joey iqum u jmur jiġri lejn Jenny. Jaħtfilha id-djarju u jqattgħu biċċa biċċa. Jenny taqbeż fuqu. Karmni, Pawlu u Cialli jiġbduha minn fuqu.
Marisa timxi lejn Joey, li jibqa' jqatta id-djarju.
MARISA
Joey. Joey, x'qed itik.
JOEY
(għadu jqatta)
Ħlomt li lgħabt logħba. Ma nistax niftakar. Kull ma naf hu li lgħabt logħba... u tlift.
MARISA
X'int tgħid?
GIOVANNA
Hemm fuq il-ponta t'ilsienek.
Joey iferrex il-mijiet ta biċċiet tad-djarju mal palk kollu. Kulħadd jikkalma.

SALVATORE
Għadna kemm tlifna il-vanġelu skont ix-xiħa Giovanna Mangion Duca. U id-dinja straħet! Nistgħu ninsew kollox. Qisu qatt ma ġara xejn. Tgħid issa li m'għadhomx miktuba, id-dnubiet, tgħid inħafru?

XENA 21

GIOVANNA
Tibqa biss it-togħma, fuq tarf l- ilsien, u ma kull gidma ħobż, u ma kull belgħa ilma se jibqgħu itiemuha...

Jenny tinħeles minn dirgħajn l-oħrajn u tgħaġġel lejn Joey.

JENNY
Qrajt kull ma kitbet. Niftakar kollox. Nista ngħidlek x'kien hemm miktub.

MARISA
Biex int ġejja Jenny.
JENNY
Għidlu. Għidlu min hu missieru.
Kulħadd jissomma.

Jenny!

MARISA

JENNY

Dan il-qallut mżarżar, dan il- ħmieġ tal-art, dan huwa ħuk Salvatore. U Ħija.
SALVATORE
Holy mother of almighty.....
JOEY
Mhux vera.
JENNY
Staqsi lill ommok.
JOEY

Mhux vera. Staqsiha. MHUX VERA.

JENNY JOEY JENNY

(lejn Marisa)
Għidlu.

KARMNI
Mort ma dak ix-xiħ oħt?
VIRGINIA
Nothing to do with me. Not MY father.

ALESSANDRO
U anqas tiegħi.
JOEY
Ma.
PAWLU
Isa ħey. Qdejthom mil-koxxa eh.
CIALLI
Allura Joey int suppost imissek xi ħaġa mil-wirt le?
MARISA
kien hemm aktar f'dak il-ktieb? X'kitbet is-sinjura Giovanna?
JENNY
Kollox.
MARISA
Mela allura kitbet ukoll li stuprani. Kien fis-sakra. Daħal ġo kamarti hawn fuq. Waqaftlu. Tani bil-ponn. Kont barra minn sensija.
VIRGINIA
Likely story.
Joey iħebb għal Virginia imma sħabu jerġgħu iżommuh.
KARMNI

Mela mhux ta b'xejn.
JOEY
(idur fuq Karmni, bl- herra)
Kelma oħra minn għandek u nifqagħlek wiċċek.
MARISA
X'qalet? X'kitbet is-sinjura Giovanna?

JENNY
Issa qatt ma se tkun taf, le? Is- sur Joey, ħija, qatta' kollox.

JOEY
M'inix ħuk.
JENNY
Trid u ma tridx Joey.
MARISA
Qed iddawwar il-kliem kif jaqbel lilek. Mhux kif qed tgħid int.
JENNY
X'jimporta jekk dak li ngħid hux minnhu jew le? Għedtu. U dak li għedt issa ankrat ma kull wieħed u waħda minnkom.
MARISA
Għidilhom li mhux kif qed tgħid int.

JENNY
U għalhiex għandhom jemmnu lilek u mhux lili Marisa?
MARISA
Għax qed ngħid il verità.
JENNY
Skont min? Ħares madwarek Marisa. Lkoll kemm huma lesti jaħilfu li huma għandhom ir-raġun, li huma qed jgħidu il-verità. Ħadd minnhom ma jaqbel u kulħadd għandu raġun. U int magħhom.
Kulħadd madwar Jenny.
JENNY
Lkoll kemm intom.
Aaaaaa qatta SRIEP mnejkin!!!!! tafu xi tfiser IL- VERITA??????!!!!!! Tfisser li IZ-zobb f'għoxx ommkom VERITA qiegħda hemm biss biex taqdi lill min għandu bżonnha, aaaaaa qatta stupidi u injoranti li ma tifmu xejn – araw f'liema SITWAZZJONI SE ĠĠIBUNA B'dawn il qatta veritajiet li qiegħdin hemm biss biex jiddefendu L-INJORANT ta għoxx il liba għajnejkom U li se tħalluh ifotti kollox grazzi għal injuranza spejtata li għandkom ħierġa minn sormkom.

Jalla it-tfal tagħkom imutu kollha kemm huma bil-kanċer. Kull fejn tħares, ħallelin biss. SITWAZZJONI DDISPRATA.

XENA 23

GIOVANNA
(lill-udjenza)
Dan il-kliem, maqlub għal Malti w ikkwotat hawn kważi verbatim, ġie mxandar fuq il-blog fit-28 ta' Awwissu, 2012.

SPLUŻJONI KBIRA. EFFETTI DWAL.
Jenny tiftaħ idejha. Vittma tal-isplużjoni. Giovanna tersaq lejha.
Jiddaħħal l-istess tebut li rajna fil-bidu u turġien żgħir li jitqiegħed ħdejh.
GIOVANNA
Ejja binti. Ejja.
JENNY
Fejn sejrin ma?
Giovanna tgħin lill-Jenny tidħol fit-tebut.
GIOVANNA
Dawk l-istejjer li qlajt. Li taparsi qrajt mid-djarju tiegħi. Minn fejn ġibthom?
JENNY
X differenza tagħmel ma. Verità, qlajja' . Dejjem se jkun hemm minn lest jemmen u min lest jiċħad. Il- verità u l-istħajjil jintilfu fl- istess ċpar u jsiru ħaġa waħda.
BLOG.
GIOVANNA
Ma nafx xejn dwar kompjuters. Nirrigrazzja lil mulej li ma għextx wisq bihom.
JENNY
Lill- mulej tirrigrazzjawh hawn ukoll?

GIOVANNA
Hawn fejn?
JENNY

XENA 24

Hell right. This must be hell.
GIOVANNA
Għar mill-infern binti. Ħafna għar. Qiegħdin fl-immaġinazzjoni tal-awtur.

Jenny timtedd fit-tebut. Giovanna tpoġġi fuq it-turġien.
Jinżel ritratt ġgantesk ta'Jenny, bi tbissima li ngħarfu sew. Ir ritratt jixgħel b'mijiet ta bozoz żgħar (dwal tal xmas tree) madwaru.

Alessandro, Virginia u Salvatore jispiċċaw quddiem il- kwadru u wara it-tebut. L-oħrajn kollha wara l-kwadru fejn ma jista' jarahom ħadd.
ALESSANDRO
(lill-udjenza)
Grazzi talli-ġejtu. Dan jum ikrah mhux biss għalina, imma għal kull min tassew jħossu misruq minn fjamma li xegħlet id-dawl fuq id- dlam li konna ngħixu fih. Dlam ta' opressjoni, dlam ta' gideb, dlam ta' qerq li ħakem kull rokna ta ħajjitna.

GIOVANNA
(tinħasad, lill- udjenza)
X'opressjoni? Dan għalija qed jgħid?

ALESSANDRO
L-għażiża Jenny tagħna, ma kienetx biss oħtna, imma oħt ta' kull min kien jemmen fil-ġustizzja.
Jenny tqum bilqiegħda fit tebut.
JENNY
Whaaaat?
ALESSANDRO
Iva, għalqulha ħalqha imma minn hawn inwiegħed li kliemha mhu se jmut qatt.

Inwiegħedukom li aħna, il-familja tagħha, li konna l-akbar għożża ta ħajjitha, m'aħna se ninsewha qatt u li se nkomplu bil-missjoni tagħha. Il-missjoni għal verità, il-missjoni għal-ħaqq u il- missjoni ta' mħabba lejn dak kollu li hu Malti, dak kollu li jagħmilna Maltin, u dak kollu li jsawwar il-ġejjini Malti.
GIOVANNA
Dan x'kiel dalgħodu?
Tqum Virginia u tieħu post Alessandro.
VIRGINIA
My sister was not a saint...
GIOVANNA
Ċiss! Vera?
JENNY
Ma!
VIRGINIA
(tkompli)
...but she was my dear sister, whom I loved, and cherished, and loved, and appreciated, for her talent, artistic soul, expressive genius.

Xi ħlew!

GIOVANNA

VIRGINIA

My sister did not deserve to die like that, did not deserve to die. So young, with a full life ahead of her. So sweet and humble, but bold and a staunch defender of women's causes. She was not a saint but loved her family, loved us and was always there when we needed her. She gave tirelessly and she deserved better.
GIOVANNA
U ġieżu ġież.
JENNY
Ma. Spiċċajt imqatta' f'elf biċċa.

GIOVANNA
(titmellaħ)
Miskina iż-żgħira tiegħi!
JENNY
Maaaa!
GIOVANNA
Issa taf kif ħassewhom.
JENNY
Min?
GIOVANNA
(turi l-udjenza kollha)

Waqt dan Iqum Salvatore u jieħu post Virginia.
SALVATORE
Emmm...
(iħares lejn ħutu. Li jagħmlulu sinjal biex ikompli)
Emmm, Riedet, riedet dak li kien... xtaqet li ma ninsewx dak kollu li jagħmilna dak li aħna, u li...

GIOVANNA
Aqlagħha Salvatore qalbi.
Alessandro jersaq lejn Salvatore u jkompli minfloku.
GIOVANNA
Jekk ma jiżżattatx ma jkunx kuntent.

ALESSANDRO
Dejjem kitbet dak kollu li kellu bżonn jiġi miktub, bla kantunieri, bla skużi u bla mistħija mis-sewwa magħruf. Oħtna l-għażiża,
JENNY
Għażiża?
ALESSANDRO
-ħallset l-akbar prezz li ċittadin tista' tħallas. Kienet qed tiddefendi lil familja għażiża tagħha,

JENNY
(irrabjata sew)
Jekk jerġa jgħid għażiża -
GIOVANNA
Ma tista' tagħmel xejn ħanini.

ALESSANDRO
... u minħabba f'hekk ikkonfoffaw kontriha. Il-persuna li għal dawn l-aħħar għexieren ta snin dejjem ġiet stmata bħala waħda mil- familja, rat kif għamlet biex għawġet u qarrqet b'ommna għażiża,
Giovanna tfaqqa' daħqa li tidwi.
biex b'hekk tipprova teqred darba għal dejjem din il-familja Maltija li minn dejjem ġabet unur lill- pajjiżna, u kienet ta dawl fejjiedi mhux biss fis-soċjetà tagħna imma madwar il-Mediterran, l-Ewropa, id-dinja. U ta' dan, din il-persuna, bl-għajnuna ta binha stess, u sħabu,
ALESSANDRO
...temmewlha ħajjitha ħesrem. U ta'dan aħna irridu, mingħajr l- ebda dewmien ta xejn, il-ħaqq, il- ġustizzja.
(b'leħen għoli u sod)
Irridu li it-testment t'ommna jiġi mħassar minnufih u iddikjarat null ħalli b'hekk il-ġustizzja ma familti isseħħ mill-aktar fis possibbli. Grazzi.
JENNY
(twerżaq)
L'aħwa jersqu fuq in-naħa tal-lemin tat-tebut.
XENA 25
Marisa u Joey jersqu lejn ix-xellug imdawrin minn Leli, Pawlu, Karmni u Ċiali.

AVUKAT jidħol jġorr briefcase u jmur ikellem lil Marisa u Joey.

AVUKAT
Għandna iċ-ċajt. Se jappellaw il- wirt.

MARISA
Ma jistgħux.
AVUKAT
Jistgħu, w hekk se jagħmlu.
JOEY
Hemm miktub. Ix-xiħa kitbet fill- wirt li jekk jippruvaw, jitilfu kollox.

AVUKAT
Mhux jekk jirnexxilhom jikkonvinċu lil maġistrat li kien hemm it- tbagħbis.

JOEY
Tbagħbis? X'tbagħbis?
AVUKAT
Marisa. Irridek tagħmel il-kuraġġ.
MARISA
Kuraġġ?
AVUKAT
Jien hemm se nkun. Miegħek.
MARISA
Tkun miegħi fejn? X'int tgħid sur avukat?

AVUKAT

Kemm inti. Kif ukoll ibnek se tiġu akkużati li influenzajtu lis- sinjura Giovanna Mangion Duca, biex tħalli wirt illoġiku, maħsub biex jaħbi pjan illegali, iddiżinjat biex iħallilkom il- miljuni ta'ewro, u meta is-sinjura Jenny kixfet dan il kumplott, rajtu kif għamiltu u qtiltuha. Il-pulizija qiegħdin jistennew barra.
L-ERBA' ĦBIEB
Se jarrestawha? Il-pulizija? Ġew għaliha? X'mort għamilt Marisa?
MARISA
Jien? Jien m'għamilt xejn.

AVUKAT
Joey, jekk hemm xi ħaġa li jien għandi nkun naf, aħjar inkun naf issa. Aħjar minn għandek minflok minn xhieda. Għandhom ix-xhieda.
JOEY
Xi trid tkun taf?
AVUKAT
Rawk theddidha. Għamilt għaliha. Ma kontx taħmilha.
JOEY
Min kien jaħmilha? Lanqas ħuta. Nirrha tinten.
AVUKAT
Titkellimx hekk fuq il-mejtin.
JOEY
Għalhiex le. Qatluha. Jien ma kellix x'naqsam imma meta qaluli li mietet, ara ma taħsibx li xerrid id-dmugħ. Tmur titnejjek. Nispera li qiegħda f'qiegħ l- infern taħt sorm Luċifru, tibla kull bassa li jfajjar minn sormu.
AVUKAT
Tkellem hekk u ma nkunx nista ngħinek.

JOEY
Kif għandi nitkellem.
MARISA
BIR-RFISPETT Joey. Bir-rispett.
JOEY
Qatt ma kelli u mhux se jkolli issa.

MARISA
Joey, ismagħni. Ieqaf. Ieqaf. Din- rabja mhux se tgħin.
JOEY
Dan qed jagħmluh biex iħassru il- wirt. Xejn aktar.
MARISA
Naf.

JOEY
Kull ma qed jgħidu gidba.
MARISA
Naf.
JOEY
Aħna m'għamilna xejn ħlief dak li riditna nagħmlu.

MARISA
Naf. Joey naf. M'hemmx minn x'hiex nibżgħu. Niġġildulhom. U la aħna għandna ir-raġun, aħna nirbħu żgur.

JOEY
MA! QUM! Qum. Ma dawn in-nies ma tirbaħ qatt.

MARISA
Nirbħu Joey. Flimkien.
(iddur lejn l-erba) Magħqudin. B'saħħitna. Flimkien. Niġġieldu u nirbħu. Iva, ilna naqalgħu fuq rasna, imma dan hu il- mument meta nuru lil kulħadd li żmien ix-xiħa għeb darba għal dejjem. Dak iż-żmien spiċċa. Issa qed nifhem x'riedet tgħidilna ix- xiħa. Riedet tgħina. Tgħin lilna, għax kienet taf li ulieda ma setgħux jibqgħu fejn kienu. U tatna ir-riedni. Ir-riedni f'idejna, biex minn issa il- quddiem, inqumu flimkien, u flimkien inxejnu lil kull min qiegħed hemm biex jgħakkisna.
Silenzju. Kulħadd iħares lejha.
KARMNI
Eh issa flimkien, issa?
PAWLU
Ir-riedni f'idejna tarax.
CIALLI
Lanqas fill-paniġierku tal ġimgħa l-kbira ma jgħid daqshekk ċuċati.
LELI
Hemm il-pulizija barra?

KARMNI
Kemm ħsibtna ċwieċ Marisa?
PAWLU
Issa li qed tegħreq issa tridna miegħek.

CIALLI
Issa m'għadux tiegħek biss, issa tagħna lkoll.

LELI
Hemm il-pulizija barra?
KARMNI
Ħu ħsieb oħt.
(titlaq)
PAWLU
Ara jien ukoll.
(jitlaq)
CIALLI
Jien ma naf xejn u ma rrid inkun naf xejn.
(jitlaq)
LELI
(ma jafx x'se jagħmel. Jħares madwaru u wara ftit jitlaq jiġri)
AVUKAT

Wiegħedthom li se toħorġu mingħajr l-ebda nkwiet. Ejjew miegħi.
JOEY
Jien m'għamilt xejn.
MARISA
Imxi Joey. Ejja.
JOEY
Jien m'għamilt xejn.
AVUKAT
M'inix se nidħaq bikom.Il-wirt tlifnieh.

JOEY
Int ma tlift xejn. Aħna li tlifna. Kollox.

MARISA
Qatt ma kien tagħna Joey.
JOEY
Kien f'idejna ma. Fottewna. Kulħadd.

MARISA
U issa kull ma baqa' jsir huwa li nerġgħu għal li konna.
AVUKAT
M'hix se tkun faċli. Imma m'aħniex se inħalluhom jagħmlu li jridu.
JOEY
Dejjem li riedu għamlu.
MARISA
Mhux illum Joey. Mhux illum.
L-Avukat, bil-kalma jmexxihom il-barra.
XENA 26
Virginia, Alessandro u Salvatore.
ALESSANDRO
Kollox f'tlett porzjonijiet. Imma qabel iridu jitnaqqsu l-ispejjeż.
VIRGINIA
What expenses?
JENNY
Motherfucker!
GIOVANNA
Agħħħ! Iddaħħallix ideat moqżieża.
ALESSANDRO
Brussell qablu li jsemmu sala f'isimha.

GIOVANNA
(lil udjenza)
Mela mela x'inhu!
ALESSANDRO
Ma ġietx b'xejn. Ukoll se nħallsu sehemna għal monument imsemmi għaliha li se jieħu post ir-reġina f'pjazza repubblika.

SALVATORE
(jitmellaħ)
Naturalment int se tmexxi kull kumitat u kull board, f'gieh ohtna hux hekk? B'ħlas naturalment, forsi minn fondi mill-arts council. Naturalment.
ALESSANDRO
Jekk jidhirlek li Marisa u binha għandhom dritt għal xi ħaġa, dejjem tista' itthom sehemek.
VIRGINIA
Just say thank you and shut the fuck up Sal.

SALVATORE
Thank you.
(isodd ħalqu)
ALESSANDRO
Kull ma tridu tagħmlu huwa li tiffirmaw dawn il-karti.

Alessandro joħroġ il-karti u kulħadd jiffirma. Jibqgħu sejrin hekk sas-siparju.

JENNY
Sfaxxalek kollox ma.
GIOVANNA
Stramba ta. L-ewwel darba li fallejt. Qatt ma fallejt qabel.
JENNY
Hekk taħseb?
GIOVANNA
U iva, wara kollox din mhi xejn ħlief logħba. Għal darba oħra.
JENNY
Ma. M'hemmx darb'oħra. Nsejt.
GIOVANNA
Għalhiex le. Forsi jkun hemm is- sequel.

JENNY
Alla magħna. Tgħidlix. Le ta. M'hemmx għalfejn. Daqshekk biżżejjed.
(dwar l-udjenza)

Ħadu li kellhom jieħdu u issa jaraw huma. Wara kollox jekk hemm mat-tlett mitt ruħ hemm barra, hemm tlett mitt interpretazzjoni. Il-verità titqies biss skont kemm hemm minn lest jemminha.
GIOVANNA
Tiftakar x'għedt? Il-verità u l- istħajjil jintilfu fl-istess ċpar u jsiru ħaġa waħda. Isiru-
JENNY/GIOVANNA
BLOG!
GIOVANNA
Kemm hi kelma kerha. Blog. Tgħidha u qisek titfewwaq!
(titfewwaq waqt li tgħid il kelma 'blog')
Blog. Blog. Blog
L-aħwa jieħdu b'idejn xulxin

SIPARJU